Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

1.12.2025

EMENDI
200 - 480

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE779.352v01-00)

L-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u t-tħassir tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Proposta għal regolament
(COM(2025)0101 – 2025/0059(COD))

Emenda 200
Estrella Galán, Ilaria Salis, Damien Carême, Pernando Barrena Arza, Isabel Serra Sánchez, Özlem Demirel, João Oliveira

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 201
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0047/2025),	– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c)***, l-Artikolu 207, u l-Artikolu 209*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0047/2025),

Or. en

Emenda 202
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
REGOLAMENTli jistabbilixxi sistema	***DIRETTIVA li tistabbilixxi standards u***

komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin ***illegalment*** fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE	***proċeduri*** komuni ***fl-Istati Membri*** għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fl-Unjoni ***b'mod irregolari***, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Or. en

Emenda 203
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin ***illegalment*** fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE	li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fl-Unjoni ***b'mod irregolari***, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Or. en

Emenda 204
Mary Khan

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
REGOLAMENT li ***jistabbilixxi*** sistema	***DIRETTIVA*** li ***tistabbilixxi*** sistema

komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE	komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk tiġi adottata, din għandha tinbidel kif xieraq fil-leġiżlazzjoni kollha.

Emenda 205
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
REGOLAMENT li ***jistabbilixxi*** sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE	***DIRETTIVA*** li ***tistabbilixxi*** sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk tiġi adottata, l-emenda għandha tapplika għat-test kollu.

Emenda 206
Nadine Morano

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni. Politika dwar ir-ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta' sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni kredibbli.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni. ***F'kuntest ikkaratterizzat minn bosta snin ta' rata ta' ritorn strutturalment baxxa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu miċħuda mid-dritt għall-ażil,*** politika ta' ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni ***u tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin***.

Or. fr

Emenda 207
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni ***effettiva*** dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li ***jidħlu jew*** jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni ***u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inċentivi għall-migrazzjoni illegali***.

Or. en

Emenda 208
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ***jenħtieġ li jkollha*** politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva ***hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni***.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ***hija obbligata tappoġġa lill-Istati Membri billi ssegwi*** politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva ***tikkostitwixxi element essenzjali fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali***.

Or. en

Emenda 209
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ***jenħtieġ li jkollha*** politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva ***hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni***.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ***hija obbligata tappoġġa lill-Istati Membri billi ssegwi*** politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva ***tikkostitwixxi element essenzjali fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali***.

Or. en

Emenda 210
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi

spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta’ ritorn ***effettiva hija komponent ewlieni ta’ sistema kredibbli ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni***.	spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. ***Sabiex tkun effettiva,*** politika ta’ ritorn ***jenħtieġ li tiżgura li r-ritorni jkunu sikuri, dinjitużi u sostenibbli***.

Or. en

Emenda 211
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, ***jenħtieġ li jkollha*** politika komuni dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ***ta’ ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta’ sistema kredibbli ta’ ġestjoni*** tal-migrazzjoni.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, ***għandha l-għan li jkollha*** politika komuni dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ***dinjituża, umana u bbażata fuq id-drittijiet jenħtieġ li tkun il-bażi tas-sistema*** tal-migrazzjoni ***tal-UE***.

Or. en

Emenda 212
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, ***jenħtieġ li jkollha*** politika ***komuni*** dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta’ ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta’ sistema kredibbli ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni.	(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, ***jeħtiġilha jkollha*** politika ***effettiva*** dwar ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta’ ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta’ sistema kredibbli ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 213
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Diversi Stati Membri wrew li l-migranti illegali jistgħu jiġu rritornati b'mod effettiv permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn jipprovdu mudell ippruvat fil-ġlieda kontra l-pressjoni migratorja li jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod wiesa' mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 214
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***sistema*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni*** abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn ***u r-riammissjoni, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba*** u kooperazzjoni ***bbażata fuq fiduċja reċiproka*** bejn l-Istati Membri.	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***standards u proċeduri*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jkunu qegħdin fl-Istati Membri illegalment*** abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn***, obbligi għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment, sett ta' għodod għall-ġestjoni ta' ritorni effettivi,*** u kooperazzjoni bejn l-Istati ***Membri***. ***Dan ir-regolament ma jissostitwix is-sistemi nazzjonali ta' ritorn u riammissjoni tal-Istati*** Membri ***u huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali u għandu jopera b'mod parallel u komplementari għall-proċeduri nazzjonali.***

Or. en

Emenda 215
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***sistema*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni*** abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn ***u r-riammissjoni, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba*** u kooperazzjoni ***bbażata fuq fiduċja reċiproka*** bejn l-Istati Membri.	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***standards u proċeduri*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jkunu qegħdin fl-Istati Membri illegalment*** abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn***, obbligi għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment, sett ta' għodod għall-ġestjoni ta' ritorni effettivi, inklużi miżuri li jinċentivaw ir-ritorn,*** u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. ***Dan ir-Regolament ma jissostitwix is-sistemi nazzjonali ta' ritorn u riammissjoni tal-Istati Membri u huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali u għandu, jopera b'mod parallel u komplementari għall-proċeduri nazzjonali.***

Or. en

Emenda 216
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni ***abbażi ta'*** proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni***,*** sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ***komprensiva*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni***. Din is-sistema hija bbażata fuq diversi komponenti essenzjali, inklużi:*** proċedura komuni għar-ritorn u r-

u kooperazzjoni ***bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri***.

riammissjoni***; sistema għar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn;*** sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba***; u Mekkaniżmu ta'*** Kooperazzjoni ***għar-Ritorn imfassal biex jiżgura li pajjiżi terzi jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħhom***.

Or. en

Emenda 217
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni ***abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba u kooperazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri***.	(2) ***Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri*** komuni ***fl-Istati Membri*** għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 218
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' ***dħul jew*** soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura

ritorn u r-riammissjoni, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba u kooperazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

komuni għar-ritorn u r-riammissjoni, ***kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi,*** sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba u ***l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, u*** kooperazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 219
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni***, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba u kooperazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri***.	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni.

Or. en

Emenda 220
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni, sistema ***għall-prevenzjoni u l-ġestjoni*** tar-riskju ta' ħarba u kooperazzjoni ***bbażata fuq fiduċja***	(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni, sistema ***għall-monitoraġġ ta' dik il-proċedura, sistema għall-ġestjoni*** tar-riskju ta' ħarba u

reċiproka bejn l-Istati Membri.	kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament jipprevedi wkoll sistema għall-monitoraġġ. Mhuwiex possibbli li jiġi pprevenut riskju.

Emenda 221
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.	***imħassar***

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 222
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ,*** jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment***. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq ***tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom***.	(3) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***b'mod irregolari***. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq ***ir-rispett għad-dritt internazzjonali u tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni internazzjonali***.

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 223
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] , jenħtieġ li ***tiġi stabbilita sistema*** komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin	(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] , jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti standards u proċeduri*** komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li

fil-pajjiż illegalment. Jenħtieġ li ***dik is-sistema tkun ibbażata*** fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Jenħtieġ li ***l-istandards u l-proċeduri komuni jkunu bbażati*** fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 224
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] , jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin ***fil-pajjiż illegalment***. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.	(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] , jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin ***fit-territorju ta' Stat Membru b'mod irregolari***. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta'	[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta'

Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjonijiet fl-Artikolu 4.

Emenda 225
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 226
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex	(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex

jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.

jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea***, inkluż billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn u t-tluq effettiv taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat***. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.

Or. en

Emenda 227
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.	(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza ***sabiex iżżid b'mod konsiderevoli r-rata ta' ritorn effettiv fl-Unjoni Ewropea, peress li fl-2024 din kienet ta' 24 % biss***.

Or. fr

Emenda 228
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex***	(4) Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni

jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.

ta' urġenza***, li wasslet biex din il-proposta tiġi ppreżentata mingħajr Valutazzjoni tal-Impatt, b'differenza mil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar***.

Or. en

Emenda 229
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni komprensiva u kredibbli tal-Unjonii. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw biex jiġi żviluppat u implimentat approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.	***imħassar***

Or. en

Emenda 230
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew	(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew

adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni komprensiva u kredibbli ***tal-Unjonii***. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw ***biex jiġi żviluppat u implimentat*** approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.	adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni komprensiva u kredibbli ***tal-Unjoni***. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw ***għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta'*** approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda lingwistika.

Emenda 231
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni komprensiva u kredibbli ***tal-Unjonii***. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw biex jiġi żviluppat u implimentat approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.	(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni komprensiva***, effettiva*** u kredibbli ***tal-Unjoni***. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw biex jiġi żviluppat u implimentat approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.

Or. en

Emenda 232

Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn ***effettiva*** jenħtieġ li tiżgura koerenza ***mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati*** Membri ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali***.	(6) Politika dwar ir-ritorn jenħtieġ li tiżgura koerenza ***mal-impenji tal-Istati*** Membri ***meħuda skont il-Patt Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni approvat fid-19 ta' Diċembru 2018 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti***. ***F'dan it-test, l-Istati ħadu l-impenn li jiżguraw li kwalunkwe detenzjoni fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali ssegwi proċess ġust, ma tkunx arbitrarja, tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-liġi, tan-neċessità, tal-proporzjonalità u individwali, titwettaq minn uffiċjali awtorizzati, u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli, irrispettivament minn jekk id-detenzjoni sseħħx fil-mument tad-dħul, fit-tranżitu, jew fil-proċeduri tar-ritorn, u irrispettivament mit-tip ta' post fejn isseħħ id-detenzjoni. Huma impenjaw ruħhom ukoll li jagħtu prijorità lil alternattivi mhux ta' kustodja għad-detenzjoni li huma konformi mad-dritt internazzjonali, u li jieħdu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għal kwalunkwe detenzjoni tal-migranti, bl-użu tad-detenzjoni bħala miżura tal-aħħar istanza biss.***

Or. en

Emenda 233
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li ***tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi***	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni ***irregolari*** lejn l-Unjoni

għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni ***illegali*** lejn l-Unjoni ***u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni*** filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 234
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. ***Din issaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-Unjoni li tinforza r-regoli tagħha dwar il-migrazzjoni bħala parti minn sistema ta' immigrazzjoni kredibbli u ordnata.***

Or. en

Emenda 235
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi ***għall-ġestjoni*** tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu***, filwaqt li tagħmel titjib sinifikanti fih, sabiex*** tikkontribwixxi ***għall-kontroll reali*** tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni***, issib il-kawża tal-flussi illegali*** u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

Or. fr

Emenda 236
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li ***tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni*** u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ***filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali***.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li ***tiggarantixxi espulsjoni effettiva lejn il-pajjiżi tal-oriġini jew ta' tranżitu*** u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ***kontra theddid li jirriżulta mill-migrazzjoni illegali***.

Or. en

Emenda 237
Charlie Weimers, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li ***tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni*** u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ***filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali***.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li ***tiggarantixxi tkeċċija effettiva lejn il-pajjiżi tal-oriġini jew ta' tranżitu*** u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ***kontra theddid li jirriżulta mill-migrazzjoni illegali***.

Or. en

Emenda 238
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura ***koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni*** illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura ***s-sikurezza taċ-ċittadini tal-Istati Membri, twaqqaf l-immigrazzjoni*** illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 239

Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni ***illegali*** lejn l-Unjoni u ***tipprevjeni*** movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment*** biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni ***irregolari*** lejn l-Unjoni u ***l-prevenzjoni ta'*** movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjonijiet fl-Artikolu 4.

Emenda 240
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi ***għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni*** illegali lejn l-Unjoni u ***tipprevjeni*** movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli	(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi ***għall-prevenzjoni ta' immigrazzjoni*** illegali lejn l-Unjoni u movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli

fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.	fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 241
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5] , ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[6] . Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE permezz tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[7] u (UE) 2023/682[8]. Madankollu, il-limiti tal-qafas legali attwali ntlaħqu.	***imħassar***

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013

(ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

Or. en

Emenda 242
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi,*** il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5]***, ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[6] . Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE permezz tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[7] u (UE) 2023/682[8]. Madankollu,*** il-limiti tal-qafas legali attwali ***ntlaħqu***.	(7) Il-qafas legali eżistenti ***dwar ir-ritorn*** li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Direttiva 2008/115/KE[5] ***jeħtieġ li jiġi aġġornat***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. Il-limiti tal-qafas legali attwali ***dwar ir-ritorn intlaħqu***.
[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).
[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).	[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).
[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-	

ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa hija negattiva bla bżonn u tħares lura.

Emenda 243
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5], ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar	(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Direttiva 2008/115/KE, ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar

il-migrazzjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, ***l-ispazju*** ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ***evolvew*** b'mod konsiderevoli. ***Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[6] . Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE permezz tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[7] u (UE) 2023/682[8]. Madankollu, il-limiti tal-qafas legali attwali ntlaħqu.***

il-migrazzjoni ***u l-ħtiġijiet leġiżlattivi u operazzjonali biex jiġu żgurati ritorni effettivi***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, ***it-theddida mill-migrazzjoni illegali għall-ispazju*** ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ***kibret*** b'mod konsiderevoli.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

Or. en

Emenda 244
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5], ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, ***l-ispazju*** ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ***evolvew*** b'mod konsiderevoli. ***Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[6]. Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE permezz tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[7] u (UE) 2023/682[8]. Madankollu, il-limiti tal-***	(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5], ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ***u l-ħtiġijiet leġiżlattivi u operazzjonali biex jiġu żgurati ritorni effettivi***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, ***it-theddida mill-migrazzjoni illegali għall-ispazju*** ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni ***kibret*** b'mod konsiderevoli.

qafas legali attwali ntlaħqu.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 245
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, ***il-qafas*** legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[4] u d-Direttiva 2008/115/KE[5] ***, ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[6]. Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE*** permezz ***tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[7] u (UE) 2023/682[8]. Madankollu, il-limiti tal-qafas legali attwali ntlaħqu.***	(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, ***l-implimentazzjoni tal-qafas*** legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Direttiva 2008/115/KE ***u l-konformità magħhom, ivarjaw fost l-Istati Membri***. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. ***Għalhekk huwa xieraq li jkun hemm aktar armonizzazzjoni*** permezz ***ta' Regolament.***

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348,

24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

Or. en

Emenda 246
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati*** Membri, ***jiġu rritornati*** b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet	(8) ***Jenħtieġ li l-Istati*** Membri ***ma jkunux obbligati jadottaw u jimplimentaw politika ta' ritorn. Jekk Stat Membru jagħżel li jagħmel dan, jenħtieġ li l-politika ta' ritorn tiegħu tkun volontarja biss u bbażata fuq standards komuni biex il-persuni jiġu ritornati*** b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali ***u***

fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. ***Jenħtieġ li*** regoli ċari ***u*** trasparenti ***applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra***.	***d-dinjità tagħhom*** kif ukoll għad-dritt internazzjonali***, li tinkludi l-protezzjoni tar-rifuġjati, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni tal-persuni mingħajr stat u l-obbligi l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem***. ***Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti*** regoli ċari***,*** trasparenti ***u bbażati fuq id-drittijiet***.

Or. en

Emenda 247
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun ***soda u ġusta*** biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati***, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra***.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun ***sikura, dinjituża u sostenibbli*** biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati.

Or. en

Emenda 248
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman ***u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 249
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati ***b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta'	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati ***mingħajr dewmien żejjed***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri

pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 250
Charlie Weimers, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman ***u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat***, inkluż*** minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 251
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda ***u ġusta*** biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman ***u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat***, inkluż*** minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 252
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni ***għar-ritorn li tkun soda u ġusta*** biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni ***għal ritorni effettivi*** biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod ***sostenibbli, dinjituż u*** uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati,

mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-parti operattiva.

Emenda 253
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza ***għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti***. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza ***legali u eżekuzzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet ta' ritorn.*** Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. fr

Emenda 254
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati ***b'mod uman u*** b'rispett sħiħ ***għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.	(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, issoġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati ***malajr kemm jista' jkun*** b'rispett sħiħ ***għall-interess nazzjonali tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 255
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Filwaqt li l-proċeduri komuni fil-livell tal-Unjoni jikkontribwixxu għal proċedura ta' ritorn aktar effiċjenti, id-differenzi bejn is-sistemi legali nazzjonali u l-isfidi differenti li jiffaċċjaw l-Istati Membri jridu jitqiesu wkoll. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jadottaw miżuri nazzjonali addizzjonali li jtejbu l-ordni u s-sikurezza pubbliċi jew jissimplifikaw aktar il-proċeduri ta' ritorn, dment li dawn il-miżuri jkunu kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u ma' liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 256
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] . Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ u għal rimedji fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] .	***imħassar***

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

Or. en

Emenda 257
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ u għal rimedji fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].	***imħassar***

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

Or. en

Emenda 258
Murielle Laurent

f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ ***u għal rimedji*** fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] .	(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. ***F'dak ir-rigward, huwa importanti li jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet dwar ir-rimedji biex jiġi żgurat l-eżerċizzju prattiku tad-dritt għal rimedju effettiv għal dawk il-persuni soġġetti għal dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2024/1348 jew ir-Regolament 2024/1349.***
[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).	[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).
[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).	[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskadenzi għat-tressiq tal-appelli jeħtieġ li jagħmlu sens fir-Regolamenti kollha u jridu jippermettu lill-persuni ripatrijati jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv.

Emenda 259
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont ***dan ir-Regolament*** ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ u għal rimedji fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].	(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont ***din id-Direttiva*** ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ u għal rimedji fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] ***u jiggarantixxu fil-każijiet kollha d-dritt għal rimedju effettiv b'effett sospensiv awtomatiku tar-ritorn fl-istadji kollha tal-proċedura***.
[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).	[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).
[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).	[10] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

Or. en

Emenda 260
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Dan ir-Regolament jirregola l-proċeduri ta' ritorn indipendentement mir-regoli stabbiliti f'atti oħra tal-Unjoni. L-applikazzjoni tiegħu ma għandhiex tkun ikkundizzjonata jew subordinata għall-mekkaniżmi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1351 jew fir-Regolament (UE) 2024/1348.

Or. en

Emenda 261
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Dan ir-Regolament jirrispetta*** d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ***josserva*** l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") ***kif ukoll*** il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"). Jenħtieġ li jiġi applikat f'konformità mal-Karta, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali rilevanti.	(10) ***Din id-Direttiva tirrispetta*** d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ***tosserva*** l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta")***,*** il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra") ***u l-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi tat-28 ta' Settembru 1954 (il-"Konvenzjoni dwar l-Apolidija")***. Jenħtieġ li jiġi applikat f'konformità mal-Karta, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 262
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati meta jiġi applikat dan ir-Regolament. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena inumani jew degradanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 263
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati ***meta jiġi applikat dan ir-Regolament. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena inumani jew degradanti.***	(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati.

Or. en

Emenda 264
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati ***meta jiġi applikat dan ir-Regolament***. ***Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena inumani jew degradanti.***	(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati.

Or. en

Emenda 265
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati meta ***jiġi applikat dan ir-Regolament***. Ħadd ma ***jista'*** jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament ***jew*** piena inumani jew degradanti.	(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati ***meta tiġi applikata din id-Direttiva***. ***Jenħtieġ li*** ħadd ma jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament***,*** piena inumani jew degradanti***, jew kwalunkwe ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem***.

Or. en

Emenda 266
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex jiġu żgurati l-ħeffa u l-infurzabbiltà tar-ritorni, huwa essenzjali li tinżamm distinzjoni ċara bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn. Hemm riskju li l-possibbiltà li tiġi posposta t-tneħħija għal raġunijiet relatati mal-protezzjoni internazzjonali toħloq sistema ta' protezzjoni parallela fil-qafas tar-ritorn, li tista' tkun soġġetta għal abbuż u tista' toħloq status legali paradossali għall-persuna kkonċernata. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni, inkluża l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jenħtieġ li tiġi ttrattata b'mod eżawrjenti u esklużiv fil-proċedura tal-ażil.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nżommu l-pożizzjoni fundamentali li l-kontroll tan-non-refoulement ma għandux ikun parti mir-Regolament dwar ir-Ritorn. Din il-valutazzjoni tappartjeni esklużivament għall-qafas tal-ażil, kif inhu l-każ skont id-Direttiva attwali, u b'hekk tipprevjeni duplikazzjoni tal-proċeduri li toħloq konfużjoni u ineffiċjenti. Filwaqt li l-emendi fl-Artikolu 12 jintroduċu dawn il-kontrolli, il-pożizzjoni ta' riżerva tagħna hija li l-applikazzjoni tiegħu trid tkun strettament ċirkoskritta. Ma għandux isir għodda għal litigazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjonijiet għall-ażil, iżda pjuttost verifika finali u limitata.

Emenda 267
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju	(12) ***Jenħtieġ li*** l-Istat Membru li fit-

tiegħu jiġi identifikat ***iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn tagħhom. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u***, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa***.

territorju tiegħu jiġi identifikat ***ċittadin*** ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***b'mod irregolari jistabbilixxi proċedura ġusta u trasparenti bl-għan li jiġi vverifikat jekk is-soġġorn tiegħu jew tagħha jistax jiġi regolarizzat billi jingħata permess ta' residenza awtonomu, viża għal soġġorn twil jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra.*** Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà***, filwaqt li jiżguraw li l-identifikazzjoni ta' dawn il-vulnerabbiltajiet tissospendi kwalunkwe proċedura ta' ritorn sakemm il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom ikunu ġew ivvalutati kif xieraq*** u ***jiġi garantit li r-ritorn ma jinvolvix riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom***.

Or. en

Emenda 268
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà ***kif definit f'dan ir-Regolament*** u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa. ***Peress li l-identifikazzjoni bikrija ta' vulnerabbiltà hija prerekwiżit għal proċedura ġusta, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni***

individwali qabel ma tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 269
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ***jiġi identifikat iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment*** huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. ***Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz u ***jivverifikaw ir-riskji*** possibbli għas-sigurtà billi ***jikkonsultaw*** il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ***jkun preżenti b'mod irregolari ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha***. ***Meta Stat Membru jistabbilixxi li ċittadin*** ta' pajjiż terz ***huwa preżenti b'mod irregolari, jenħtieġ li jidentifika malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** u ***jivverifika r-riskji*** possibbli għas-sigurtà billi ***jikkonsulta l-bażijiet*** tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-parti operattiva.

Emenda 270
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż

terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.***

terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri***, mingħajr ma jidduplikaw il-kontrolli mwettqa fi proċedimenti jew proċessi preċedenti,*** jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

Or. en

Emenda 271
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***illegalment*** huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn ***illegali***, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ***ir-riskji*** possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u***, fejn rilevanti, iwettqu*** kontroll tas-saħħa.	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***b'mod irregolari*** huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn ***irregolari***, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ***it-theddid*** possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u ***jwettqu*** kontroll tas-saħħa.

Or. en

Emenda 272
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.***	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri***, mingħajr ma jidduplikaw kontrolli mwettqa fi proċedimenti jew proċessi preċedenti,*** jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.
	Or. en

Emenda 273
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, qabel ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn, titwettaq valutazzjoni individwali raġonevoli u oġġettiva tad-drittijiet fundamentali għal kull ċittadin ta' pajjiż terz, b'diliġenza dovuta u bona fide. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tikkunsidra l-prinċipju ta' non-refoulement, id-dritt għall-ħajja tal-familja, l-aħjar interessi tat-tfal, kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà jew kwalunkwe riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Meta din il-valutazzjoni tindika li ritorn jikser id-drittijiet fundamentali skont id-dritt tal-Unjoni jew dak internazzjonali, jenħtieġ li d-deċiżjoni ta' ritorn ma tinħariġx.
	Or. en

Emenda 274
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-Istati Membri jżommu d-dritt li jagħtu, fi kwalunkwe mument, permessi ta' residenza awtonomi, viżi għal soġġorn twil jew awtorizzazzjonijiet oħra li joffru dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra lil ċittadini ta' pajjiżi terzi bi status irregolari. F'każijiet bħal dawn, id-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa jenħtieġ li jiġu rtirati jew sospiżi għad-durata tal-validità tal-permess ta' residenza, tal-viża għal soġġorn twil jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tallinja mal-Artikolu 7(9) u tirrinfurzah.

Emenda 275
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(12a) In-nisa li huma vittmi tat-traffikar, tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru jew tal-apartheid tal-ġeneru jikkostitwixxu kategorija ta' persuni partikolarment vulnerabbli skont it-tifsira tal-Artikoli 1, 2 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva (UE) 2024/1712. Il-ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni tagħhom jenħtieġ li jipprekludu kwalunkwe proċedura ta'**

ritorn li tista' tesponihom għal aktar ħsara.

Or. en

Emenda 276
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-vulnerabbiltà għall-persuni soġġetti għal proċeduri ta' ritorn fi kwalunkwe stadju. Il-fatturi li jżidu r-riskju ta' vulnerabbiltà jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn: fatturi individwali bħall-età, is-sess, il-ġeneru, l-istatus fis-soċjetà, it-twemmin u l-attitudnijiet, il-karatteristiċi emozzjonali, psikoloġiċi u konjittivi, il-benesseri fiżiku u mentali, il-fatturi tal-unità domestika u tal-familja, il-fatturi tal-komunità, il-fatturi strutturali, il-fatturi tas-sitwazzjoni jew kwalunkwe fattur ieħor li jista' jaffettwa lill-persuna.

Or. en

Emenda 277
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	***imħassar***

Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Emenda 278
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 279
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 280
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li	***imħassar***

juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Emenda 281
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni ***bir-reqqa*** eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura***.*** Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	(13) ***F'każ ta' tneħħija,*** jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura ***jew fi proċeduri preċedenti oħra.*** Jenħtieġ li kwalunkwe bidla ***rilevanti*** fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati***, dment li jkunu sostanzjati u ma jitqisux li tressqu miċ-ċittadin ta' pajjiż terz sempliċement sabiex tiġi ttardjata jew imfixkla t-tneħħija***. ***L-Istati Membri jistgħu jirreferu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jindika li t-tneħħija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement għall-proċedura xierqa, inkluż il-proċedura tal-eżami b'referenza għar-Regolament 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE.***

Or. en

Emenda 282

Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura***, dment li tkun twettqet valutazzjoni tal-merti ta' kwalunkwe applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'dawk l-istadji preċedenti***. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-Artikolu 13.

Emenda 283
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikkonċernat***	(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jew il-persuna***

jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali ***tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura***. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	***apolida kkonċernata tingħata l-possibbiltà effettiva li tippreżenta*** evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali ***tagħha***. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Emenda 284
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura.*** Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.	(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ***jingħata l-possibbiltà effettiva li*** jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Emenda 285
Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Matul il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħtu kunsiderazzjoni partikolari lil kwalunkwe indikazzjoni ta' vulnerabbiltà jew ħtiġijiet proċedurali speċjali li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz mar-ritorn. Dawn il-vulnerabbiltajiet jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, l-età tal-anzjani, id-diżabbiltajiet, il-mard serju, l-esperjenzi tal-passat ta' trawma, tortura jew sfruttament, jew ir-riskji marbuta mal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Meta jiġu identifikati ċirkostanzi bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu pprovduti salvagwardji u miżuri ta' appoġġ xierqa mingħajr dewmien, inkluż, meta rilevanti, il-kooperazzjoni ma' servizzi speċjalizzati u l-involviment ta' persunal imħarreġ, b'mod partikolari f'każijiet li jikkonċernaw il-minorenni.

Or. en

Emenda 286
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 287
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 288
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex ***inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni***.	(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex ***jitrawmu ritorni effettivi lejn pajjiżi terzi***.

Or. en

Emenda 289

Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw ***b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat*** biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.	(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw ***b'mod aħjar taħt sistema komuni ġdida għar-ritorni*** biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Or. en

Emenda 290
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.	(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu ***u jipprevjenu*** l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Or. en

Emenda 291
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Huwa meħtieġ li*** l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod ***aktar*** flessibbli***, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu*** l-movimenti ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment*** bejn il-fruntieri interni komuni ***filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni***.	(14) ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod flessibbli ***dwar ir-ritorn, mingħajr ma jimminaw ir-regoli dwar it-trasferimenti tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u r-regoli li jirregolaw iż-żona Schengen tal-moviment liberu. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tgħin biex jitnaqqsu*** l-movimenti ***sekondarji ta' persuni li jkunu rċevew deċiżjonijiet ta' ritorn*** bejn il-fruntieri interni komuni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inkoraġġiment ta' ftehimiet bilaterali ġodda bejn l-Istati Membri huwa l-oppost tal-armonizzazzjoni ta' approċċ Ewropew. L-inċertezza rigward ir-responsabbiltà għar-Ritorni se tiżdied biss b'xibka mħabbla ta' ftehimiet bilaterali li jittrasferixxu r-responsabbiltà madwar l-Unjoni.

Emenda 292
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 293
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, ***u li ma tapplika l-ebda possibbiltà oħra għall-għoti ta' permess ta' soġġorn,*** jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha. ***Tali valutazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tar-raġunijiet individwali tad-drittijiet tal-bniedem li jistgħu jaffettwaw l-adegwatezza tar-ritorn, inkluż kwalunkwe riskju ta' refoulement, id-dritt għall-ħajja tal-familja, l-aħjar interessi tat-tfal, l-istat tas-saħħa fiżika u mentali tal-persuna, u kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà li taffettwa lill-persuna kkonċernata.***

Or. en

Emenda 294
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr ***abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha***.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr. ***Jenħtieġ li d-deċiżjoni ta' ritorn tiddikjara l-obbligu għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri. Jenħtieġ li d-***

deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-pajjiż tar-ritorn. Jenħtieġ li l-pajjiż tar-ritorn mill-inqas jiġi ddeterminat qabel it-tneħħija, u jista' jiġi ddeterminat jew fid-deċiżjoni ta' ritorn jew fi kwalunkwe deċiżjoni oħra li tordna t-tneħħija separata mid-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 295
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr ***abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha***.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr. ***Jenħtieġ li d-deċiżjoni ta' ritorn tiddikjara l-obbligu għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri. Jenħtieġ li d-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-pajjiż ta' ritorn. Jenħtieġ li l-pajjiż tar-ritorn mill-inqas jiġi ddeterminat qabel it-tneħħija, u jista' jiġi ddeterminat jew fid-deċiżjoni ta' ritorn jew fi kwalunkwe deċiżjoni oħra li tordna t-tneħħija separata mid-deċiżjoni ta' ritorn***.

Or. en

Emenda 296
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr ***abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha***.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr.

Or. en

Emenda 297
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, ***jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr*** abbażi ta' valutazzjoni individwali li ***tqis il-fatti*** u ċ-ċirkostanzi kollha.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, abbażi ta' valutazzjoni individwali ***u filwaqt*** li ***jitqiesu l-fatti*** u ċ-ċirkostanzi kollha***, deċiżjoni ta' ritorn normalment jenħtieġ li tinħareġ malajr***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni tal-proċess tinqaleb biex ikun ċar kif għandu jaħdem.

Emenda 298
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(15a) Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'obbligu li jitlaq ikollu r-responsabbiltà primarja li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 299
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.	***imħassar***

Or. en

Emenda 300
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu	***imħassar***

f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 301
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu ***f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli*** fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ***flimkien mal-allert*** dwar ritorn ***jew*** permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. ***Jenħtieġ li l-Ordni*** Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha ***tappoġġa r-rikonoxximent*** u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.	(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu ***fis-Sistema*** ta' Informazzjoni ta' Schengen ***u jsiru disponibbli permezz tal-allert*** dwar ritorn ***u, jekk meħtieġ,*** permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. ***L-informazzjoni tista' tiġi skambjata fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen bl-użu ta' Ordni*** Ewropea ta' Ritorn***. Jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni ibbażat fuq is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen*** min-naħa tagħha ***jappoġġa sistema ta' ritorn effettiva, inkluż ir-rikonoxximent*** u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 302
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.	(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn***, li hija sekondarja għad-deċiżjoni dwar ir-ritorn skont id-dritt nazzjonali,*** u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 303
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li*** l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn ***u jsiru*** disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. ***Jenħtieġ li*** l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha	(16) L-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ***jistgħu*** jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn ***- li mbagħad tista' ssir*** disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. L-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha ***tista' tiffaċilita*** r-

tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor ***fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor***.	rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 9.

Emenda 304
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 305
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-	(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-

ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli ***u*** jindikaw ***il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli*** fid-deċiżjoni ta' ritorn.	ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli***. L-Istati Membri jistgħu ma*** jindikaw ***l-ebda pajjiż, jindikaw pajjiż wieħed jew aktar pajjiżi tar-ritorn possibbli*** fid-deċiżjoni ta' ritorn***, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom***. ***Il-pajjiż tar-ritorn jista' jiġi ddeterminat jew fid-deċiżjoni ta' ritorn jew, meta jkun xieraq, fi stadju aktar tard fl-ordni ta' tneħħija.***

Or. en

Emenda 306
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Spiss, u speċjalment*** f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet,*** jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi ***tal-informazzjoni*** disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.	(17) F'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż ***jew il-pajjiżi*** tar-ritorn fuq il-bażi ***ta' informazzjoni*** disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 307
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Spiss, u speċjalment*** f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet,*** jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi ***tal-informazzjoni*** disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.	(17) F'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż ***jew il-pajjiżi*** tar-ritorn fuq il-bażi ***ta' informazzjoni*** disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 308
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Spiss, ***u speċjalment f'każijiet*** fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u jindikaw*** il-pajjiż ***jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni*** ta' ritorn.	(17) Spiss, ***inklużi każijiet*** fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***ma joħorġux deċiżjoni ta' ritorn. Jekk jinstab li ġie identifikat*** il-pajjiż ***il-ħażin, id-deċiżjoni*** ta' ritorn ***jenħtieġ li tiġi rtirata u kwalunkwe allert korrispondenti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jenħtieġ li jitħassar mill-Istat Membru emittenti.***

Or. en

Emenda 309
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ***ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn ***fil-mument*** tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw ***il-pajjiż*** tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u jindikaw ***il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli*** fid-deċiżjoni ta' ritorn.	(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ***iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***ma jipprovdix jew ma jkunx jista' jipprovdi informazzjoni suffiċjenti***, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn ***għall-finijiet*** tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***jkunu jistgħu*** jiddeterminaw ***pajjiż*** tar-ritorn ***proviżorju*** fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u jindikaw ***pajjiż uniku tar-ritorn*** fid-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 7.

Emenda 310
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux	***imħassar***

awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.

Or. en

Emenda 311
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li ***dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata***. ***Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.***	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li ***ma tinħareġ l-ebda deċiżjoni ta' ritorn ulterjuri***.

Or. en

Emenda 312
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, ***jenħtieġ li*** dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni ***tista'*** tiġi rikonoxxuta u infurzata***. Ir-rikonoxximent u s-segwitu ta' infurzar possibbli tat-tneħħijiet jirrikjedu valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, b'mod partikolari biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà ta' ċittadin ta' pajjiż terz u biex jitqies il-prinċipju ta' non-refoulment, u għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu d-diskrezzjoni li jirrieżaminaw każijiet individwali qabel l-infurzar***. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.
	Or. en

Emenda 313
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn ***infurzabbli*** minn Stat Membru ieħor, ***jenħtieġ li*** dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. ***Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja***	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn minn Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni ***tista'*** tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat ***biss*** fl-Istat Membru emittenti.

reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.

Or. en

Emenda 314
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn ***infurzabbli*** minn Stat Membru ieħor, ***jenħtieġ li*** dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. ***Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn***. Jenħtieġ li r-rimedju kontra ***d-deċiżjonijiet*** ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn minn Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni ***tista'*** tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rimedju kontra ***d-deċiżjoni*** ta' ritorn jiġi eżerċitat ***biss*** fl-Istat Membru emittenti.

Or. en

Emenda 315
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti***, mingħajr ma tiġi pprevenuta l-eżekuzzjoni tiegħu meta ma jiġux issodisfati l-kriterji neċessarji***.

Or. fr

Emenda 316
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, ***jenħtieġ li*** dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. ***Jenħtieġ li r-rikonoxximent*** u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn ***jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta'*** kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. ***Dawn jistgħu jikkontribwixxu*** wkoll biex ***jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu*** movimenti sekondarji mhux	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni ***tista'*** tiġi rikonoxxuta u infurzata. ***Ir-rikonoxximent*** u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn ***jirrikjedu*** kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri***, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-persuna ripatrijata tkun tista' teżerċita bis-shiħ id-dritt għal rimedju effettiv. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jista' jikkontribwixxi*** wkoll biex

awtorizzati fl-Unjoni***, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn***. ***Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.***	***jiskoraġġixxi*** movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 9.

Emenda 317
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni ***irregolari*** u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata ***fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni ***illegali*** u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.

Or. en

Emenda 318
Murielle Laurent

f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, jenħtieġ li tiġi stabbilita Ordni Ewropea ta' Ritorn biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jdaħħlu din il-formola fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Għal dak l-għan, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-forma tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikoli 7 u 48a.

Emenda 319
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament

Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex dan jiġi miġġieled u biex jiġi żgurat li r-responsabbiltà għall-infurzar tiġi assenjata b'mod ċar, dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu vinkolanti ta' "teħid lura" bbażat fuq il-prinċipju li l-Istat Membru emittenti jżomm ir-responsabbiltà aħħarija. Għalhekk, Stat Membru ta' arrest jista' jitlob teħid lura, b'mod partikolari meta jiffaċċja l-impedimenti tiegħu stess għat-tneħħija jew meta l-Istat Membru emittenti jkollu prospetti aħjar għas-suċċess. Sabiex jiġu żgurati l-ħeffa u ċ-ċertezza ta' din il-proċedura, nuqqas mill-Istat Membru emittenti li jirrispondi għan-notifika f'limitu ta' żmien strett jinvolvi obbligu awtomatiku li jieħu lura l-persuna u jinforza r-ritorn.

Or. en

Emenda 320
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Meta t-tneħħija titwettaq abbażi tal-informazzjoni disponibbli fl-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7) jew fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, jew fuq id-deċiżjoni ta' ritorn tal-Istat Membru emittenti u meta rilevanti d-deċiżjoni li tordna t-tneħħija, jenħtieġ li r-rikonoxximent ma jikkostitwix deċiżjoni jew att.

Or. en

Emenda 321
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-politika ta' ritorn tal-Unjoni, il-kostijiet marbuta direttament mar-ritorn, it-tneħħija u d-detenzjoni jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 322
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) Sabiex jiġi żgurat li l-proċedura ta' teħid lura ma tiġix imfixkla minn każ ieħor ta' ħrib miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jżommu lill-persuna f'detenzjoni għall-fini speċifiku li jiġi żgurat it-trasferiment lejn l-Istat Membru emittenti. Tali detenzjoni jenħtieġ li tiġi imposta biss meta meħtieġ u proporzjonat, u għall-iqsar perjodu possibbli meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri amministrattivi għat-trasferiment.

Or. en

Emenda 323
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) L-Istat Membru tal-infurzar jista' jiddeċiedi li ma jirrikonoxxix jew ma jinfurzax deċiżjoni ta' ritorn jew id-deċiżjoni li tordna t-tneħħija tal-Istat Membru emittenti f'għadd ta' sitwazzjonijiet, pereżempju meta jkun aktar rapidi għall-Istat Membru tal-infurzar li joħroġ id-deċiżjoni ta' ritorn tiegħu stess skont l-Artikolu 7(1) jew jekk l-Istat Membru tal-infurzar ikollu stabbiliti modalitajiet ta' kooperazzjoni li jippermettu ritorn jew tneħħija aktar rapidi u aktar effettivi.

Or. en

Emenda 324
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sal-1 ta' Lulju 2027, ftit aktar minn sena wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirriežamina jekk l-Istati Membri jkunux stabbilixxew arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha	***imħassar***

jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.

Or. en

Emenda 325
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sal-1 ta' Lulju 2027, ftit aktar minn sena wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina jekk l-Istati Membri jkunux stabbilixxew arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 326
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li ***l-Ordni*** Ewropea ta' Ritorn ***tkun tista' ssir*** disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sal-1 ta' Lulju ***2027, ftit aktar minn sena wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351***, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tirrieżamina*** jekk ***l-Istati*** Membri jkunux ***stabbilixxew arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha jenħtieġ li*** r-rikonoxximent ***ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju***.	(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li ***jkun possibbli li Ordni*** Ewropea ta' Ritorn ***issir*** disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sal-1 ta' Lulju ***2028***, jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tivvaluta*** jekk ***l-arranġamenti stabbiliti mill-Istati*** Membri jkunux ***effettivi u tivvaluta l-implikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fuq id-dritt tal-persuna ripatrijata għal rimedju effettiv.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 9.

Emenda 327
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.	(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. ***[3***

Sal-1 ta' Lulju 2027, ftit aktar minn sena wara ***d-data*** tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina jekk ***l-Istati Membri jkunux stabbilixxew arranġamenti*** legali u tekniċi ***xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej*** ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tadotta*** deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.

snin wara ***l-applikazzjoni ta']*** ***id-data*** tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina ***jekk l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u d-deċiżjonijiet li jordnaw it-tneħħija huwiex effettiv,*** jekk ***l-informazzjoni rilevanti disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen hijiex aġġornata f'konformità mar-Regolament 2018/1860, u jekk l-arranġamenti*** legali u tekniċi ***stabbiliti mill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-Ordni Ewropea*** ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li ***l-Kunsill jadotta*** deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.

Or. en

Emenda 328
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk	***imħassar***

jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 329
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta'*** ritorn jenħtieġ li ***jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita*** projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' ***projbizzjoni*** fuq id-dħul ***jiġi ddeterminat*** b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx ***l-10*** snin. ***Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.***	(20) ***Meta tinħareġ deċiżjoni ta'*** ritorn***, l-Istati Membri*** jenħtieġ li ***jkunu jistgħu joħorġu wkoll*** projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li ***d-deċiżjoni dwar jekk tinħariġx projbizzjoni fuq id-dħul u*** t-tul ta' ***dik il-projbizzjoni*** fuq id-dħul ***tiġi ddeterminata*** b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx ***il-5*** snin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi tal-Artikolu 10.

Emenda 330
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u ***fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10*** snin. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, ***jista'*** jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u ***għandu jkun ta' mill-inqas 7*** snin. ***L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll projbizzjoni fuq id-dħul għal tul ta' ħajja.*** Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, ***għandu*** jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 331
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta'*** ritorn ***jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha.*** Jenħtieġ li ***t-tul ta'*** projbizzjoni fuq id-dħul ***jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin. Meta jiġi identifikat ċittadin*** ta' ***pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta***	(20) ***Sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-politika ta'*** ritorn ***tal-Unjoni u jiġi pprovdut deterrent qawwi kontra n-nuqqas ta' konformità u d-dħul mill-ġdid mhux awtorizzat,*** jenħtieġ li projbizzjoni fuq id-dħul ***tkun konsegwenza sistematika u serja ta' soġġorn illegali, b'effett fl-Unjoni kollha. Għalhekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' durati minimi obbligatorji, bi projbizzjoni ta' 10 snin għall-aktar każijiet serji, bħal meta persuna taħrab jew tonqos milli tikkoopera, u projbizzjoni ta' 5 snin għal oħrajn. Barra minn hekk, biex tiġi***

projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	***pprovduta protezzjoni fit-tul mill-aktar theddid gravi, tista' tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul tul il-ħajja fuq ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà nazzjonali.***

Or. en

Emenda 332
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul ***jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10*** snin. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, ***jista' jkun xieraq li tiġi imposta*** projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul ***tkun ta' 10*** snin. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, ***jenħtieġ li tiġi imposta*** projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali ***filwaqt li ma jiġix ipprevenut it-tluq rapidu taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.

Or. en

Emenda 333
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali ***u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.
	Or. en

Emenda 334
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ***ma jaqbiżx l-10 snin***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ***jaqbeż l-20 sena***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.
	Or. en

Emenda 335
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali ***u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***illegalment*** matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun ***xieraq*** li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul ***sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali***.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali***, inklużi kunsiderazzjonijiet b'rabta mad-dritt għall-ħajja tal-familja***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***b'mod irregolari*** matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun ***kontroproduttiv*** li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul ***billi jiġi diżinċentivat ir-ritorn volontarju***.

Or. en

Emenda 336
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. It-tul tal-validità tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jkun determinat b'kont meħud taċ-ċirkostanzi	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. It-tul tal-validità tal-projbizzjoni***, li tista' tiġi kkunsidrata għall-għomor,*** fuq id-dħul għandu jkun

rilevanti kollha tal-każ individwali ***u normalment m'għandux ikun aktar minn ħames snin***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	determinat b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.
	Or. fr

Emenda 337
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali mhijiex meħtieġa li jkollha dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, u lanqas li tidħol fit-territorju permezz ta' mezzi regolari. Għalhekk, jenħtieġ li l-projbizzjonijiet fuq id-dħul qatt ma jiġu imposti għar-raġuni unika ta' soġġorn irregolari ta' persuna. Hemm riskju li tali miżuri jipprevjenu l-aċċess għall-proċedura tal-asil għal individwi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u jistgħu jfixklu l-eżerċizzju tad-dritt għal rimedju effettiv. Il-projbizzjonijiet fuq id-dħul jenħtieġ li jiġu applikati biss wara valutazzjoni bir-reqqa u individwali u biss meta jkun strettament meħtieġ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi personali, il-kunsiderazzjonijiet umanitarji, u l-prinċipju tal-proporzjonalità.
	Or. en

Emenda 338
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu.*** Jenħtieġ li ***ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li*** ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta'*** ritorn ***volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti***.	(21) ***Sabiex tiġi żgurata sistema ta' ritorn rapida, kredibbli u effettiva, deċiżjoni ta' ritorn jenħtieġ li timponi obbligu ta' ritorn infurzabbli.*** Jenħtieġ li ***l-konformità ma' dan l-obbligu tiġi ffaċilitata primarjament permezz ta' perjodu definit b'mod ċar għat-tluq volontarju, li fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx it-30 jum. Madankollu, l-esperjenza wriet li*** ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***minn pajjiżi ddeżinjati bħala pajjiżi tal-oriġini sikuri jippreżentaw riskju akbar ta' ħarba u nuqqas ta' konformità, u b'hekk ifixklu l-proċess ta' ritorn u jpoġġu piż żejjed fuq is-sistemi nazzjonali. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li, bħala regola, ma jingħatax perjodu għat-tluq volontarju lil dawn il-persuni, u jenħtieġ li d-deċiżjoni ta'*** ritorn ***tagħhom titlobhom jitilqu immedjatament. Meta jingħata perjodu għat-tluq volontarju iżda ma jkunx hemm konformità miegħu, jew meta jiġi ordnat tluq immedjat, iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***isir soġġett għal infurzar permezz ta' tneħħija. F'dan l-istadju, jistgħu jiġu applikati miżuri għall-prevenzjoni tal-ħarba, bħal alternattivi għad-detenzjoni jew id-detenzjoni, biex jiġi żgurat li r-ritorn ikun jista' jitwettaq. Madankollu, il-possibbiltà għal ċittadin ta' pajjiż terz li jikkonforma volontarjament mal-obbligu ta' ritorn tiegħu jenħtieġ li tibqa' disponibbli fl-istadji kollha tal-proċedura, anke wara li jkun sar soġġett għal tneħħija***.

Or. en

Emenda 339
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu*** jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni ***permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta' ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.***	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jenħtieġ li qatt ma*** jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni ***minħabba li dan huwa ksur tad-dritt għad-dinjità.***

Or. en

Emenda 340
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament*** mal-obbligu li jitilqu***. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta'*** ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta'	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li ma jkunux ikkonformaw*** mal-obbligu li jitilqu ***jew li ma ngħatawx perjodu għal*** ritorn volontarju, ***jistgħu jitneħħew bl-użu ta' miżuri koerċittivi.*** Regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax ***il-perjodu l-aktar tard*** sa meta jeħtieġ li jitlaq ***kif ukoll li jipprevjenu movimenti sekondarji u riskji għas-sigurtà. Meta ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li r-ritorn***

pajjiż terz ma jirrispettax ***id-data*** sa meta jeħtieġ li jitlaq***. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti***.	***volontarju jimmina l-iskop ta' proċedura ta' ritorn, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jistgħu jkomplu jiġu rritornati primarjament permezz ta' ritorn volontarju***.

Or. en

Emenda 341
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati ***permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew*** billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. ***Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***li jikkooperaw*** jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta' ritorn volontarju***, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq***. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu ***jew, f'ċerti każijiet limitati u bħala l-aħħar alternattiva, permezz ta' tneħħija***. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta' ritorn volontarju. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni ***jintużaw biss bħala miżura tal-aħħar istanza u jridu*** jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.

Or. en

Emenda 342
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li ***jkomplu*** jiġu ritornati ***primarjament*** permezz ta' ritorn volontarju, regoli ***rinfurzati*** dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. ***Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.***	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. ***Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi,*** filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li ***jkunu jistgħu*** jiġu ritornati permezz ta' ritorn volontarju ***jew jiġu mġiegħla jagħmlu dan***, ***iridu jiġu infurzati*** regoli dwar it-tneħħija ***li*** jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq.

Or. fr

Emenda 343
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' ***miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta'*** tneħħija jew billi jikkonformaw ***volontarjament*** mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ***ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta'*** ritorn ***volontarju, regoli rinfurzati*** dwar it-tneħħija ***jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li*** ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità ***u l-effettività*** fir-	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' tneħħija jew billi ***jaċċettaw id-deċiżjoni ta' ritorn u*** jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ***tkompli tingħata prijorità biex iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***jiġu mħeġġa jaċċettaw id-deċiżjoni ta'*** ritorn ***u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li r-regoli*** dwar it-tneħħija ***jippermettu tneħħija meta*** ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq***, dment li dik id-data għat-tluq ma tkunx ġiet estiża mill-Istat Membru.*** Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu ***miżura tal-aħħar istanza u dejjem ikunu*** soġġetti għall-

rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.	prinċipji ***ta' neċessità u*** ta' proporzjonalità fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-emendi mressqa għall-Artikoli 12 u 13.

Emenda 344
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament*** mal-obbligu li jitilqu***. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament permezz ta' ritorn*** volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax ***id-data*** sa meta jeħtieġ li jitlaq***. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti***.	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li ma kkonformawx*** mal-obbligu li jitilqu***, jew li ma ngħatalhomx perjodu għar-ritorn*** volontarju***, jistgħu jitneħħew bl-użu ta' miżuri koerċittivi.*** Regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax ***il-perjodu l-aktar tard*** sa meta jeħtieġ li jitlaq ***kif ukoll li jipprevjenu movimenti sekondarji u riskji għas-sigurtà. Meta ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li r-ritorn volontarju jimmina l-iskop ta' proċedura ta' ritorn, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jistgħu jkomplu jiġu rritornati primarjament permezz ta' ritorn volontarju***.

Or. en

Emenda 345
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw ***jenħtieġ li jkomplu*** jiġu ritornati ***primarjament*** permezz ta' ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw ***jistgħu*** jiġu ritornati permezz ta' ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq ***jew ma jibqax jikkoopera***. Jenħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.

Or. en

Emenda 346
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Jekk Stat Membru jagħżel li jimplimenta politika ta' ritorn, li dejjem trid tkun volontarja, jenħtieġ li jingħata perjodu minimu ta' 6 xhur għat-tluq volontarju. Jenħtieġ li tiġi prevista estensjoni tal-perjodu għat-tluq volontarju abbażi tal-ċirkostanzi speċifiċi ta' każ individwali, inkluż għat-tfal biex itemmu l-istudji tagħhom, għan-nisa tqal biex iwelldu lil uliedhom, għall-vittmi tat-traffikar li jkunu qed jistennew il-ġustizzja waqt li l-każ tagħhom ikun pendenti jew għall-persuni morda bi ħtiġijiet ta' kura tas-saħħa fost l-oħrajn.

Or. en

Emenda 347
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) Sabiex jiġu appoġġati ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jirritornaw volontarjament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom programmi operazzjonali li jipprevedu ġestjoni tal-każijiet, assistenza u konsulenza mtejba għar-ritorn, li jenħtieġ li jinkludu appoġġ għar-riintegrazzjoni f'pajjiżi terzi ta' ritorn, filwaqt li jitqiesu l-istandards komuni dwar il-Programmi ta' Ritorn Volontarju Assistit u Riintegrazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u approvati mill-Kunsill. Ir-ritorn volontarju, ir-ritorn volontarju assistit u l-programmi ta' riintegrazzjoni jistgħu jippermettu lill-migranti jirritornaw b'mod uman, dinjituż u bbażat fuq id-drittijiet. Ir-ritorn volontarju jenħtieġ li jkun disponibbli fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 348
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu	***imħassar***

identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 349
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi***	(22) Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***theddida*** għas-sigurtà ***interna***, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ***possibbli mingħajr ma jingħata perjodu għal tluq volontarju***, u jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu previsti projbizzjonijiet fuq

żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskji*** għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ***ir-regola***, u jenħtieġ li jkun possibbli li ***ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex*** jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà ***tal-Unjoni*** jitneħħew malajr.

id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u ***li ssir deroga*** mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà ***ta' Stat Membru*** jitneħħew malajr.

---

*[11] **Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).***

Or. en

Emenda 350
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskji*** għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati ***u mmarkati*** ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'riskji*** għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq	(22) ***Filwaqt li jiġu rispettati s-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri,*** huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskju*** għas-sigurtà ***interna*** u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu

il-proċess ta’ skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskji*** għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u ***jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti*** projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta’ detenzjoni itwal ***u mill-użu ta’ faċilitajiet speċjalizzati ta’ detenzjoni sabiex*** dawk ***li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni*** jitneħħew malajr.	identifikati ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***li jikkostitwixxu riskju*** għas-sigurtà ***interna,*** inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta’ skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ***jippreżentaw riskju*** għas-sigurtà ***interna***, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u ***jistgħu jiġu imposti*** projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, ***kif ukoll*** perjodi ta’ detenzjoni itwal***, bl-għan li jiġi żgurat li*** dawk ***li jippreżentaw riskju għas-sigurtà interna fl-Unjoni*** jitneħħew malajr.
[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).	[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Lingwaġġ allinjat mal-emendi tal-parti operattiva, b’mod partikolari fl-Artikolu 16.

Emenda 351
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta’ soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b’mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’riskji	(22) Huma meħtieġa regoli komuni ***ta’ appoġġ biex*** jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta’ soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b’mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta’

għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit ***fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[11] **.** Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit ***fid-dritt nazzjonali kif ukoll fil-ftehimiet bejn l-Istati Membri***. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 352
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit ***fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-***	(22) Huma meħtieġa regoli komuni ***ta' appoġġ biex*** jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit ***fid-dritt nazzjonali kif ukoll***

***Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[11] .** Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

fil-ftehimiet bejn l-Istati Membri. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 353
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola,	(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola,

u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul ***itwal***, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul ***tul il-ħajja***, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 354
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi	(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' ***dħul jew*** soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] . Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-

ta’ detenzjoni itwal u mill-użu ta’ faċilitajiet ***speċjalizzati*** ta’ detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

dħul itwal, perjodi ta’ detenzjoni itwal u mill-użu ta’ faċilitajiet ta’ detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 355
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom lista eżawrjenti ta’ kriterji speċifiċi u oġġettivi biex jiggarantixxu li ritorn jitwettaq ġenwinament b’mod volontarju, inkluż in-nuqqas ta’ kwalunkwe pressjoni fiżika, psikoloġika jew materjali. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida biex tappoġġa lill-Istati Membri fid-definizzjoni u l-applikazzjoni ta’ dawn il-kriterji.

Or. en

Emenda 356
Mélissa Camara

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.	***imħassar***

Or. en

Emenda 357
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun	***imħassar***

possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Or. en

Emenda 358
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u ***l-prinċipju*** ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat.	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u***, fil-każ ta' tneħħija, il-prinċipju*** ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz

B’mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi ***l-modalitajiet tat-trasferiment***, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, ***il-modalitajiet f’każ ta’ ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi*** f’każ ta’ ksur ***jew*** ta’ bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz***, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta’ monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta***.

ikkonċernat. ***Jenħtieġ li n-nuqqasijiet fir-rigward ta’ partijiet speċifiċi tat-territorju tal-pajjiż terz jew ta’ kategorija identifikabbli ta’ persuni ma jipprevjenux il-konklużjonijiet ta’ dan il-ftehim jew arranġament, dment li jkun hemm biżżejjed garanziji stabbiliti biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li huma kkonċernati minn dan il-ftehim jew arranġament.*** B’mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi ***l-proċeduri applikabbli għar-ritorn***, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, ***l-obbligi tal-pajjiż terz u l-konsegwenzi*** f’każ ta’ ksur ***tal-ftehim jew tal-arranġament. Meta ftehim jew arranġament jinvolvi ritorn ulterjuri mill-pajjiż terz, jenħtieġ li l-ftehim jew l-arranġament jistabbilixxi wkoll il-konsegwenzi f’każ li r-ritorn ulterjuri ma jkunx possibbli, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Istat Membru jew tal-UE u tal-pajjiż terz, il-konsegwenzi f’każ*** ta’ bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 359
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) ***Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet*** għall-Istati Membri biex ***jiżguraw*** ritorni lejn pajjiżi terzi ***permezz ta’ għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma’ pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett*** għall-kundizzjonijiet li ***l-istandards***	(23) ***Il-possibbiltajiet*** għall-Istati Membri biex ***iwettqu*** ritorni lejn pajjiżi ***tal-oriġini*** terzi ***jew residenzi abitwali jridu jkunu soġġetti*** għall-kundizzjonijiet li ***l-pajjiżi terzi kkonċernati mhux biss ikunu ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-protokolli addizzjonali tagħha, kif ukoll trattati*** internazzjonali ***oħra dwar id-drittijiet*** tal-

internazzjonali ***tad-drittijiet*** tal-bniedem ***u l-prinċipju*** ta' non-refoulement ***jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat***. ***B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.***	bniedem***, iżda juru wkoll konformità effettiva ma' dawn l-obbligi, filwaqt li jiggarantixxu bis-sħiħ ir-rispett għall-prinċipju*** ta' non-refoulement ***u l-protezzjoni tal-individwi kkonċernati***.

Or. en

Emenda 360
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. ***B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn***	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri ***u l-Unjoni Ewropea*** jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Or. en

Emenda 361
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini***, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu***	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini.

implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Or. en

Emenda 362
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni ***soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż*** terz ***ikkonċernat. B'mod partikolari,*** il-ftehim jew l-arranġament ***jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim*** jew l-arranġament***. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta***.	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni***. In-nuqqasijiet fir-rigward ta' partijiet speċifiċi tat-territorju tal-pajjiż*** terz ***jew ta' kategorija identifikabbli ta' persuni jenħtieġ li ma jipprevjenux il-konklużjonijiet ta' dan*** il-ftehim jew l-arranġament***, dment li jkun hemm biżżejjed garanziji stabbiliti biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma kkonċernati minn dan il-ftehim*** jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 363
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet ***jew arranġamenti*** speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim ***jew l-arranġament*** jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim ***jew l-arranġament***. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim ***jew l-arranġament*** jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim***.*** Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. ***Meta jitqies ir-riskju oġħla ta' ħsara sproporzjonata, huwa meħtieġ, sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali, li l-minorenni mhux akkumpanjati, il-familji b'minorenni, u l-persuni vulnerabbli jiġu esklużi mill-proċedura ta' ritorn lejn pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 364
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet ***jew arranġamenti*** speċifiċi ***ma'*** pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim ***jew l-arranġament.*** Dawn il-ftehimiet ***jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt*** tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet speċifiċi***, preferibbilment bejn l-UE u*** pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim***.*** Dawn il-ftehimiet ***jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe faċilità li għandha tiġi stabbilita fil-qafas tagħhom fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu fil-pajjiż tkun immexxija mill-UE u proprjetà tal-UE u bħala tali soġġetta għad-dritt*** tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Or. en

Emenda 365
Charlie Weimers, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Mal-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa

jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dawn il-ftehimiet jew arranġamenti qabel ma jiġu applikati proviżorjament, jew jidħlu fis-seħħ, skont liema jiġi l-ewwel. Meta Stat Membru jinnegozja ftehim jew arranġament ma' wieħed mill-pajjiżi terzi ġirien tal-Unjoni, l-Istati Membri li jikkondividu fruntiera tal-art komuni ma' dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jinżammu infurmati wkoll dwar in-negozjati, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u tkompli tissaħħaħ it-trasparenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fuq bażi volontarja, iżommu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra infurmati dwar il-progress tan-negozjati ma' pajjiż terz relatati ma' ftehimiet jew arranġamenti awtorizzati minn dan ir-Regolament, qabel ma jkun intlaħaq ftehim finali mill-partijiet, inkluż bil-ħsieb li tintalab il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-ftehim jew l-arranġament previst li jkun qed jiġi nnegozjat mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 366
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) F'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tar-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom meta jinqabdu f'sitwazzjoni irregolari u nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva minn dawn il-pajjiżi terzi fil-proċessi ta' ritorn, l-Istati Membri u l-Unjoni jeħtiġilhom juru solidarjetà u jistgħu jadottaw miżuri

koerċittivi jekk ir-reżistenza tippersisti, bħal ritorsjoni diplomatika, restrizzjonijiet dwar il-viża, limitazzjonijiet fuq il-kooperazzjoni ekonomika u tnaqqis fl-għajnuna għall-iżvilupp biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tar-riammissjoni.

Or. fr

Emenda 367
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe ftehim jew arranġament bħal dan qabel l-applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ tiegħu, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza, is-sensibilizzazzjoni operazzjonali, u l-konsistenza mad-dritt tal-Unjoni. Meta n-negozjati jikkonċernaw pajjiż terz ġar, l-Istati Membri li jikkondividu fruntiera tal-art ma' dak il-pajjiż jenħtieġ li jinżammu infurmati wkoll, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-ħtieġa ta' azzjoni kkoordinata fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 368
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(23a) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi nazzjonali u jissaħħaħ il-kontroll amministrattiv fil-fruntieri esterni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li jistabbilixxu ftehimiet ma' pajjiżi terzi biex jiżviluppaw faċilitajiet li jservu kemm għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn kif ukoll għar-reġistrazzjoni jew l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 369
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 370

Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 371
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen ***permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi***, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta'	(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn.

pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn ***u r-rispett tad-drittijiet fundamentali***. ***Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.***

Or. en

Emenda 372
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni ***effettiva u effiċjenti*** tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. ***Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.***	(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 373
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward ***tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn*** u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.	(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward ***tal-politika ta' ritorn*** u r-rispett tad-drittijiet fundamentali ***u l-protezzjoni tad-data***. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet ***fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen*** li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.

Or. en

Emenda 374
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-	(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' ***dħul jew*** soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr

funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.

nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.

Or. en

Emenda 375
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proċeduri kollha li jseħħu fil-kuntest tar-ritorn, inkluża l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, jenħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti li jkopri b'mod partikolari r-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement. Dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun mgħammar bir-riżorsi u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu, u jenħtieġ li jinvolvi, b'mod partikolari, lill-Ombudspersons Nazzjonali u lill-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni, u jenħtieġ li jiżgura l-parteċipazzjoni jew tal-inqas kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nazzjonali u internazzjonali rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-mekkaniżmu jkollu aċċess sħiħ għall-persuni, id-dokumenti u l-postijiet rilevanti sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv. Jenħtieġ li jiżgura wkoll li allegazzjonijiet sostanzjati ta' ksur tad-drittijiet fundamentali jiġu rrapportati permezz ta' sistema ta' lmenti kunfidenzjali, li tqis is-sitwazzjoni tat-tfal u sensittiva għall-ġeneru u jiġu indirizzati

b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed, li jwassal meta jkun xieraq għall-identifikazzjoni u s-sanzjonar ta' dawk responsabbli. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha tipprovdi gwida ġenerali u l-Istati Membri jistgħu jfittxu l-appoġġ tagħha. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkun jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet u jippubblika rapport annwali u l-eżistenza tiegħu jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali pprovdut mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Or. en

Emenda 376
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Barra minn hekk, huma meħtieġa mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti biex jiġi żgurat li r-ritorni u b'mod partikolari t-tneħħijiet jiġu implimentati f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom, dawn il-mekkaniżmi jistgħu pereżempju jiġu stabbiliti fl-Ombudspersons Nazzjonali u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi preventivi nazzjonali stabbiliti skont l-OPCAT, u jistgħu jinvolvu organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u korpi pubbliċi indipendenti mill-awtoritajiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti tagħhom, inklużi s-

salvagwardji għall-indipendenza ta' dawn il-mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u skemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 377
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 378
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal	(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal

ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond ***tagħhom***. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.	ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq ***il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja,*** il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà***, b'mod partikolari fejn ikun hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe forma ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż it-traffikar tal-bnedmin,*** u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond ***etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tiegħu jew tagħha***. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn. ***. Ir-rappreżentant jenħtieġ li jaġixxi b'indipendenza sħiħa u jkun soġġett għal mekkaniżmi xierqa ta' obbligu ta' rendikont, u jeħtieġlu jkollu l-għarfien espert meħtieġ biex jiżgura li l-interessi tat-tfal jiġu salvagwardjati u li l-ħtiġijiet legali, soċjali, mediċi u psikoloġiċi tagħhom jiġu indirizzati b'mod adegwat matul il-proċedura ta' ritorn. Ir-rappreżentant jenħtieġ li jkun jista' jaċċessa wkoll il-fornituri tal-għajnuna legali.***
	Or. en

Emenda 379
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal	(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal

ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. ***Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.***	ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989.

Or. en

Emenda 380
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Jenħtieġ li*** l-aħjar interessi tat-tfal ***ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati*** Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. ***Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-***	(25) L-aħjar interessi tat-tfal ***jiġu kkunsidrati mill-Istati*** Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. ***Fil-proċess*** ta' ritorn***, jitqiesu l-vulnerabbiltajiet partikolari tal-minorenni mhux akkumpanjati***.

proċess ta’ ritorn.

Or. fr

Emenda 381
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu ***kunsiderazzjoni*** primarja tal-Istati Membri ***meta japplikaw il-proċeduri ta’ ritorn***, f’konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b’mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta’ sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f’konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta’ ritorn.	(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu ***l-kunsiderazzjoni*** primarja tal-Istati Membri, f’konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b’mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta’ sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f’konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta’ ritorn. ***Ir-rappreżentant jenħtieġ li jaġixxi b’indipendenza sħiħa u jkun soġġett għal mekkaniżmi xierqa ta’ obbligu ta’ rendikont, u jeħtieġlu jkollu l-għarfien espert meħtieġ biex jiżgura li l-interessi tat-tfal jiġu salvagwardjati u li l-ħtiġijiet legali, soċjali, mediċi u psikoloġiċi tagħhom jiġu indirizzati b’mod adegwat matul il-proċedura ta’ ritorn.***

Or. en

Emenda 382
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. ***Fil-valutazzjoni tal-aħjar*** interessi individwali tat-tfal, ***jenħtieġ li l-Istati Membri,*** b'mod partikolari, ***iqisu*** kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.	(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. ***Qabel ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw l-aħjar*** interessi individwali tat-tfal, b'mod partikolari, ***filwaqt li jqisu*** kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 20.

Emenda 383
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq	(25) Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jenħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq

il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li ***l-minorenni*** mhux ***akkumpanjat ikun iggwidat*** minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.	il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li ***l-minorenni*** mhux ***akkumpanjati jkunu ggwidati*** minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.
	Or. en

Emenda 384
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Id-drittijiet tat-tfal japplikaw bl-istess mod għat-tfal mhux akkumpanjati u separati għat-tfal fil-familji. Fil-każ tal-familji, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet ta' kull tifel u tifla, inkluż id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u tal-familja, u jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ is-sikurezza u l-benesseri tat-tfal fil-familja. Jenħtieġ li jiġu żgurati arranġamenti xierqa ta' kura u akkomodazzjoni li jippermettu lit-tfal u lill-familji jgħixu flimkien fil-komunità. Jenħtieġ li t-tfal ma jiġux separati mill-ġenituri tagħhom f'konformità mal-prinċipji tal-unità tal-familja u l-aħjar interessi tat-tfal. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm ir-ritorn furzat tat-tfal. Jenħtieġ li t-tfal u l-familji jiġu pprovduti dokumentazzjoni li tikkonferma li jkunu għaddejjin minn proċedura kurrenti u jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal detenzjoni. Jenħtieġ li t-tfal u l-ġenituri jiġu żgurati aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, u servizzi essenzjali oħra.
	Or. en

Emenda 385
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) L-għadd sinifikanti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu mingħajr dokumenti tal-identità jippreżenta sfida kbira għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età. L-għoti tal-benefiċċju tad-dubju fil-każijiet kollha, filwaqt li huwa meħtieġ bħala salvagwardja inizjali, jista' jimmina l-kredibbiltà tas-sistema ta' ritorn jekk ma tiġix ġestita kif xieraq. Sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni tkun immirata b'mod effettiv lejn dawk l-aktar vulnerabbli, dan ir-Regolament jintroduċi distinzjoni bejn "minorenni" (taħt it-18-il sena) u "tfal" (taħt is-16-il sena). Dan jippermetti lill-Unjoni tapplika l-ogħla livell ta' salvagwardji għal tfal iżgħar, li l-vulnerabbiltà tagħhom hija l-akbar, u b'hekk tinżamm l-integrità tal-proċeduri applikabbli għall-persuni kollha li jiddikjaraw li huma minorenni.

Or. en

Emenda 386
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, ***jenħtieġ li*** titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-***	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, ***tista'*** titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Ċittadin ta' pajjiż terz li jasserixxi li huwa taħt l-età ta' 18-il***

migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

sena għandu jkun preżunt li huwa tifel jew tifla u għandu jibbenefika mid-drittijiet u s-salvagwardji mogħtija lill-minorenni skont dan ir-Regolament, sakemm din il-valutazzjoni tiddetermina l-età tiegħu. Din il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika biss meta jkun ċar li ma tkunx raġonevoli fid-dawl ta' evidenza oġġettiva u verifikabbli. Minħabba l-marġni inerenti ta' żball fil-metodi kollha ta' valutazzjoni tal-età, kwalunkwe inċertezza fl-eżitu tad-determinazzjoni għandha tiġi solvuta favur il-kunsiderazzjoni tal-individwu minorenni. Il-valutazzjonijiet multidixxiplinari tal-età għandhom jitwettqu b'mod li jkun sikur, li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal, sensittiv għall-ġeneru u kulturalment sensittiv, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem, u t-tfal għandu jkollhom id-dritt li jitolbu li l-eżamijiet jitwettqu minn individwu tal-istess sess. Jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

---

*[12] **Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).***

Or. en

Emenda 387
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, ***jenħtieġ li*** titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, ***tista'*** titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Ċittadin ta' pajjiż terz li jasserixxi li huwa taħt l-età ta' 18-il sena għandu jkun preżunt li huwa tifel jew tifla u għandu jibbenefika mid-drittijiet u s-salvagwardji mogħtija lill-minorenni skont din id-Direttiva, sakemm din il-valutazzjoni tiddetermina l-età tiegħu.*** Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. ***Minħabba l-marġni inerenti ta' żball fil-metodi kollha ta' valutazzjoni tal-età, kwalunkwe inċertezza fl-eżitu tad-determinazzjoni tal-età għandha tiġi solvuta favur li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitqies bħala tifel jew tifla.***
[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 388
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal

dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.	dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le***, u fejn qabel ma tkunx twettqet valutazzjoni tal-età bħala parti mill-proċedura tal-ażil***, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. ***Meta r-riżultat ta' din il-valutazzjoni ma jkunx konklużiv fir-rigward tal-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun minorenni.***
[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 20.

Emenda 389
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-***	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jibbażaw fuq valutazzjonijiet***

migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri ***b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***.

tal-età li jkunu tlestew fi proċeduri preċedenti.

---

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 390
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu*** valutazzjonijiet tal-età***, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***.	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jibbażaw fuq*** valutazzjonijiet tal-età ***li jkunu tlestew fi proċeduri preċedenti***.

---

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva

2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 391
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm ***raġunijiet għal dubju*** dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni ***jew le***, jenħtieġ li ***titwettaq*** valutazzjoni tal-età***. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista*** fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]***. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***.	(26) ***F'każijiet*** meta jkun hemm ***dubji*** dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni, jenħtieġ li ***l-Istati Membri jwettqu*** valutazzjoni tal-età***. Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti u konsistenti fil-qafas kollu tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-asil, il-proċeduri għal dawn il-valutazzjonijiet jenħtieġ li, bħala regola ġenerali, isegwu l-mudell multidixxiplinari previst*** fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]***. Madankollu, biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament jibqa' adattabbli għall-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkollhom il-flessibbiltà li jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom l-użu ta' metodi oħra vvalidati xjentifikament, dment li dawn il-metodi jiggarantixxu livell ekwivalenti jew ogħla ta' preċiżjoni, jew ikunu aktar kosteffettivi.***
[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 392
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età***. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.***	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età ***medika, inkluża valutazzjoni tal-għadam u tas-snien, biex tiġi żgurata reġistrazzjoni preċiża tal-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 393
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età***. Kwalunkwe valutazzjoni tal-età preċedenti mwettqa***

migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

mill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li titqies biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u biex tiġi żgurata l-konsistenza. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Or. en

Emenda 394
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni***, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] . Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.***	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età ***inkluż testijiet mediċi, pereżempju testijiet tal-għadam, kif previst fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12],*** għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).	***Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).***

Or. fr

Emenda 395
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***responsabbiltajiet*** ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet ***fl-istadji kollha tal-proċedura*** ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu ***l-informazzjoni*** meħtieġa ***biex iħejju r-ritorn***. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali**,** is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ***jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi.***	(27) ***(27)*** Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***obbligi*** ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jkollhom l-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri u*** jikkooperaw mal-awtoritajiet ***matul il-proċedura*** ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli ***għall-awtoritajiet kompetenti u jkunu jistgħu jintlaħqu minnhom, u jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti għat-tħejjija u t-twettiq tar-ritorn. Minn dan isegwi li jenħtieġ li primarjament tkun ir-responsabbiltà taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jistabbilixxu l-identità tagħhom u li jiksbu*** u jipprovdu ***d-dokumenti tal-ivvjaġġar*** meħtieġa ***għar-ritorn***. F'każ li l-obbligi ***ta' tluq u*** ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati, ***u jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-passi rilevanti biex jiżguraw ir-ritorn,*** inkluż ***permezz ta' miżuri investigattivi. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jistgħux jitneħħew, fosthom minħabba l-prinċipju ta' non-refoulement jew minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li ma jiġux eskluż mill-impożizzjoni ta' obbligi ġenerali, inkluż l-obbligi li jibqgħu,***

jirrisjedu u jirrapportaw. Il-konsegwenzi jenħtieġ li jinkludu pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali ***jew*** is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 396
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ***ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. ***F'każ li*** l-obbligi ***ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati***, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi ***u*** proporzjonati***, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali,*** is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ***jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ***ma' dawk l-obbligi***.	(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn***, inkluż billi*** jibqgħu disponibbli u ***jipprovdu*** l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. ***Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn*** l-obbligi, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi, proporzjonati***, u dissważivi. B'mod partikolari,*** is-sekwestru ta' dokumenti ***tal-identità jew*** tal-ivvjaġġar ***huwa miżura meħtieġa biex tiġi pprevenuta l-qerda jew il-ħabi tagħhom u biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' identifikazzjoni, u għalhekk jenħtieġ li jiġi applikat b'mod sistematiku, dment li l-persuna kkonċernata tirċievi kopja. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jadottaw miżuri jew sanzjonijiet amministrattivi addizzjonali skont id-dritt nazzjonali tagħhom biex jiżguraw l-infurzar effettiv tal-proċeduri ta' ritorn.*** Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-

nuqqas ta’ konformità.

Or. en

Emenda 397
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta’ ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta’ pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta’ ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F’każ li l-obbligi ta’ kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u ***proporzjonati***, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f’konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta’ projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta’ ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.	(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta’ ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi***, kif ukoll il-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ tranżitu tagħhom***. Jenħtieġ li ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***jkollhom l-obbligu li*** jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta’ ritorn ***taħt penali ta’ sanzjonijiet***. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F’każ li l-obbligi ta’ kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u ***tanġibbli***, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa ***jew limitati*** u allowances mogħtija f’konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta’ projbizzjoni fuq id-dħul***. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fil-fażi ta’ riammissjoni taħt penali ta’ sanzjonijiet***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta’ ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.

Or. fr

Emenda 398
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) ***Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura*** ta' ritorn***, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u*** proporzjonati***, inkluż perejempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom ***u l-konsegwenzi*** tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi.	(27) ***Il-konsegwenzi li jirriżultaw minn nuqqas possibbli ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-proċedura*** ta' ritorn ***iridu dejjem ikunu individwalizzati,*** proporzjonati ***u mhux diskriminatorji, u fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jaffettwaw l-aċċess għad-drittijiet fundamentali***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***b'mod aċċessibbli u li jinftiehem, f'lingwa li l-persuna tifhem,*** dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, ***id-drittijiet tagħhom,*** l-obbligi tagħhom***, il-konsegwenzi*** tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi ***u l-possibbiltajiet ta' appell u protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 399
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu ***stabbiliti*** responsabbiltajiet ***ċari*** għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-	(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu ***kkomunikati*** responsabbiltajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'mod imfassal apposta li jiżgura li l-persuna tkun infurmata tajjeb u kapaċi tinvolvi ruħha fil-proċedura***. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi***, meta jkunu mogħtija***

informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, ***jenħtieġ li*** jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati***, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi.

opportunità effettiva biex jagħmlu dan, jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati ***ripetutament u deliberatament***, ***jistgħu*** jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati ***abbażi ta' kriterji definiti b'mod ċar u trasparenti***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi.

Or. en

Emenda 400
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***responsabbiltajiet*** ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi	(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***obbligi*** ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi***, dissważivi*** u proporzjonati, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar***, restrizzjoni tal-libertà ta' moviment*** jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet

differenti tal-proċedura ta’ ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.	kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta’ ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.

Or. en

Emenda 401
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta’ ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***responsabbiltajiet*** ċari għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta’ pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet ***fl-istadji kollha tal-proċedura*** ta’ ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F’każ li l-obbligi ta’ kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi ***u proporzjonati***, inkluż pereżempju ***benefiċċji mnaqqsa*** u ***allowances*** mogħtija ***f’konformità mal-liġi nazzjonali***, is-sekwestru ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar ***jew l-estensjoni tad-durata ta’*** projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta’ ritorn, l-obbligi ***tagħhom*** u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.	(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta’ ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***obbligi*** ċari għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***jkollhom l-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istat Membri u li*** jikkooperaw mal-awtoritajiet ***matul il-proċedura*** ta’ ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli ***u aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti*** u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F’każ li l-obbligi ta’ kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi, inkluż pereżempju ***tnaqqis fil-benefiċċji*** u ***l-allowances*** mogħtija, is-sekwestru ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar ***u l-imposta ta’*** projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta’ ritorn, ***kif ukoll*** l-obbligi u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ konformità ma’ dawk l-obbligi.

Or. en

Emenda 402
Murielle Laurent
f’isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) ***Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta'*** ritorn***, jenħtieġ li jiġu stabbiliti*** responsabbiltajiet ***ċari*** għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha ***tal-proċedura ta' ritorn***. Jenħtieġ li ***ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** jibqgħu disponibbli u jipprovdu ***l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn***. F'każ ***li l-obbligi*** ta' kooperazzjoni ***ma jiġux rispettati, jenħtieġ li*** jiġu imposti ***konsegwenzi effettivi u proporzjonati***, inkluż pereżempju ***benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew*** l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, ***l-obbligi*** tagħhom u l-konsegwenzi ***tan-nuqqas ta' konformità ma'*** dawk ***l-obbligi***.	(27) ***Sabiex jiġi ffaċilitat*** ritorn ***effettiv, dinjituż u sostenibbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti*** responsabbiltajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***nfushom***. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi ***soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn*** jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha. ***Dawn*** jenħtieġ li jibqgħu disponibbli u jipprovdu ***kwalunkwe informazzjoni li jkollhom li tkun rilevanti għar-ritorn***. F'każ ***ta' rifjut ripetut*** ta' kooperazzjoni ***mal-awtoritajiet kompetenti, jistgħu*** jiġu imposti ***ċerti penali,*** inkluż pereżempju***,*** l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***bis-sħiħ*** dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, ***id-drittijiet*** tagħhom***, inkluż id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, u r-responsabbiltajiet tagħhom*** u l-konsegwenzi ***possibbli jekk ma jaċċettaw*** dawk ***ir-responsabbiltajiet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi mressqa għall-Artikoli 21 u 22.

Emenda 403
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) F'każijiet li fihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi rritornat bil-forza lejn faċilità barra mill-UE, stabbilita fil-qafas ta' ftehim ma' pajjiż terz, dan jenħtieġ li

jiġi speċifikat fid-deċiżjoni ta' ritorn. Jenħtieġ li jindika wkoll il-modalitajiet tas-soġġorn, inkluż kwalunkwe rekwiżit li jibqa' disponibbli f'żona ġeografika, u r-ritorn sussegwenti. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jenħtieġ li jirċievi informazzjoni speċifika mill-awtoritajiet kompetenti dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu dwar il-proċess ta' ritorn lejn dawn il-faċilitajiet, fihom u minnhom. Fi kwalunkwe mument partikolari matul is-soġġorn tiegħu fil-faċilità, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li jirritorna volontarjament lejn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 404
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-istabbiliment u l-verifika affidabbli tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi huma l-pedament ta' sistema ta' migrazzjoni u ritorn ġestita tajjeb. F'dan il-kuntest, l-obbligu li tiġi pprovduta data bijometrika huwa essenzjali biex jiġi pprevenut l-użu ta' identitajiet multipli jew foloz. Tali prattiki jistgħu jimminaw serjament l-integrità tas-sistemi tal-asil u tar-ritorn tal-Unjoni, pereżempju billi jippermettu lil individwu joħloq diversi fajls, u b'hekk ipoġġi piż amministrattiv mhux ġustifikat fuq l-awtoritajiet nazzjonali, jew billi jippermettu lil ċittadin ta' pajjiż terz jostakola jew jevadi obbligu ta' ritorn.

Or. en

Emenda 405
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċedura ta' ritorn f'lingwa li jifhmu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jipprovdu informazzjoni f'waqtha u adegwata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar il-proċess ta' ritorn inkluż fir-rigward tal-istadji differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-għoti ta' perjodu għat-tluq volontarju, il-possibbiltà li tiġi imposta detenzjoni, ir-rimedji disponibbli, u l-aċċess għal programmi li jipprovdu materjal legali, loġistiku, finanzjarju u materjal ieħor jew assistenza in natura.

Or. en

Emenda 406
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-obbligi u l-miżuri mhux relatati mar-ritorn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, l-Artikoli 21 et seq. ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-konsegwenzi fuq il-benefiċċji soċjali skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 407
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri jimponu, fejn applikabbli, sanzjonijiet kriminali f'konformità mad-dritt kriminali nazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 408
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri jimponu, fejn applikabbli, sanzjonijiet kriminali f'konformità mad-dritt kriminali nazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 409
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(28) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri jimponu, fejn applikabbli, sanzjonijiet kriminali f'konformità mad-dritt kriminali nazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx Artikoli korrispondenti fit-test.

Emenda 410
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) F'konformità mad-Direttiva 2009/52/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jressqu lmenti kontra min iħaddimhom. F'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-vittmi ta' reati kollha jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċeduri kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi adegwati li jiżguraw ġustizzja portabbli u aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju bħala parti mill-programmi nazzjonali dwar ir-ritorn u jenħtieġ li jiżguraw aċċess għall-ġustizzja għal kwistjonijiet relatati ma' ksur tad-Direttiva 2009/52/KE jew tad-Direttiva 2012/29/UE matul il-proċedura ta' ritorn, inklużi miżuri li jiżguraw aċċess għall-ġustizzja wara r-ritorn lejn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 411
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati***, f'konformità mad-dritt għal rimedju effettiv***. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja. ***Madankollu, biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-integrità tal-proċedura ta' ritorn u biex jiġi pprevenut l-abbuż tas-sistema tal-għajnuna legali, huwa xieraq li jiġu previsti limitazzjonijiet speċifiċi u definiti sew fuq dan id-dritt. B'mod partikolari, meta jiġi ppreżentat appell minn ċittadin ta' pajjiż indikat bħala sikur, jew meta s-sustanza tal-appell tkun diġà ġiet eżaminata bil-beneficċju ta' assistenza legali fi proċedura relatata, jenħtieġ li titnaqqas il-ħtieġa ta' appoġġ iffinanzjat mill-Istat.***

Or. en

Emenda 412
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati

mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva ***tal-interessi*** tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, ***għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi*** f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.	mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva ***tad-drittijiet*** tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja ***mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġi ristrett l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali***. ***Il-verifika mill-awtorità ġudizzjarja dwar jekk l-Istat Membru kkonformax mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' non-refoulement hija possibbli biss fir-rigward tad-deċiżjonijiet fejn tiġi vvalutata l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement. Għalhekk, l-awtorità ġudizzjarja tista' tivverifika biss fil-proċeduri legali rigward id-deċiżjoni ta' ritorn u/jew id-deċiżjoni li tordna t-tneħħija jekk l-Istat Membru jikkonformax ma' dan il-prinċipju.***
	Or. en

Emenda 413
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja. ***L-awtorità ġudizzjarja li tirrieżamina deċiżjoni ta' ritorn twettaq il-funzjonijiet tagħha irrispettivament mid-dežinzjazzjoni tagħha skont id-dritt nazzjonali. L-organizzazzjoni tas-sistema ta' appell, inkluż l-għadd ta' rimedji possibbli u r-regoli li jirregolaw kwalunkwe appell***

ulterjuri u l-effett sospensiv tagħhom, tibqa' ddeterminata mid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 414
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) ***Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali*** kontra deċiżjonijiet ***relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati***. ***Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.***	(29) ***L-appelli*** kontra deċiżjonijiet ***ta' ritorn huma soġġetti għad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.***

Or. en

Emenda 415
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli***, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja***.	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli ***mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura***.

Or. en

Emenda 416
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ***ma għandhomx biżżejjed riżorsi*** f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ***għandhom id-dritt li jibbenifikaw minnha skont id-dritt nazzjonali*** f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.

Or. fr

Emenda 417
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi ***f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja***.	(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli ***mingħajr ħlas***, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi.

Or. en

Emenda 418
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Awtorità ġudizzjarja tfisser awtorità li taġixxi bħala parti terza fir-rigward tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni li tifforma s-suġġett tal-proċedimenti. Jenħtieġ li l-awtorità twettaq funzjonijiet ġudizzjarji u ma jkunx deċiżiv jekk dik l-awtorità hijiex rikonoxxuta bħala qorti jew tribunal skont id-dritt nazzjonali. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistema tal-qrati nazzjonali tagħhom u li jiddeterminaw l-għadd ta' istanzi ta' appell. Meta d-dritt nazzjonali jipprevedi l-possibbiltà li jitressqu appelli ulterjuri kontra deċiżjoni tal-ewwel appell jew ta' appelli sussegwenti, jenħtieġ li l-proċedura u l-effett sospensiv ta' dawn l-appelli jkunu rregolati fid-dritt nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 419
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Sabiex jiġu skoraġġuti appelli manifestament infondati jew abbużivi, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji jingħataw is-setgħa li jagħmlu determinazzjonijiet preliminari dwar il-merti ta' każ, u jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu l-irkupru tal-kostijiet f'każijiet li jiġu kkonfermati b'mod ġudizzjarju

bħala abbużivi jew li ma jkollhom l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.

Or. en

Emenda 420
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29b) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jikkostitwixxi l-qafas legali speċifiku u xieraq għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali u r-riskju ta' refoulement. Għalhekk, meta tapplika jew tkun ġiet applikata l-proċedura skont dak ir-Regolament, il-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement jenħtieġ li titwettaq esklużivament f'dak il-qafas. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet u t-taħlit tal-proċeduri, ir-rimedji ġudizzjarji skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jservux bħala mekkaniżmu biex jiġu kkontestati mill-ġdid it-talbiet għall-protezzjoni diġà eżaminati u miċħuda fil-proċedura tal-ażil. Kwalunkwe element jew sejba ġdida li tirriżulta wara dik id-deċiżjoni jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' applikazzjoni mġedda skont ir-Regolament (UE) 2024/1348, aktar milli permezz tar-rimedji previsti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 421
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 422
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 423
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex ***tittejjeb*** l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ***ir-rispett tad-dritt*** għal rimedju effettiv ***f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta***, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati ***mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell*** ġudizzjarju ***wieħed***. ***Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett*** sospensiv ***jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.***	(30) Sabiex ***jittejbu*** l-effettività ***u l-ħeffa*** tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat rispett ***sħiħ għad-dritt*** għal rimedju effettiv***, huwa meħtieġ li tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-isfidi legali u li jiġi pprevenut dewmien żejjed ikkawżat minn appelli suċċessivi. Għalhekk,*** jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati ***jiġu kkonsolidati fi proċediment*** ġudizzjarju ***wieħed***. ***B'mod partikolari, meta deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ bħala konsegwenza diretta taċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li kwalunkwe appell kontra d-deċiżjoni ta' ritorn jiġi ppreżentat b'mod konġunt mal-appell kontra d-deċiżjoni negattiva dwar l-ażil, filwaqt li jiġi żgurat stħarriġ ġudizzjarju bla xkiel u jiġu pprevenuti lakuni proċedurali. B'mod simili, f'każijiet oħra, l-appelli kontra deċiżjoni ta' ritorn u kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament, bħal projbizzjoni fuq id-dħul, jenħtieġ li jiġu eżaminati flimkien mill-istess awtorità ġudizzjarja. Huwa importanti li jiġi ssottolinjat li dan l-appell jenħtieġ li ma jkollux effett*** sospensiv***.***

Or. en

Emenda 424
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, ***filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet***	(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif previst fl-

relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 425
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. ***Jenħtieġ li r-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.***	(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed ***tal-ġuriżdizzjoni***.

Or. fr

Emenda 426
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta,	(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, ***u***

jenħtieġ li ***l-appelli*** kontra ***deċiżjonijiet relatati*** mar-ritorn ***jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed***. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.	***bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami ta' appell u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti,*** jenħtieġ li ***appell*** kontra ***deċiżjoni relatata*** mar-ritorn ***ikollu effett sospensiv sal-eżitu ta' dak l-appell***. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 28.

Emenda 427
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett*** tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, ***jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed***. ***Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett*** sospensiv ***jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali.	(30) ***Il-proċedura ta' ritorn jenħtieġ li tiżgura r-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement u*** tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, ***filwaqt li tiggarantixxi fil-każijiet kollha effett*** sospensiv ***awtomatiku tal-appelli ppreżentati kontra deċiżjonijiet li jistgħu jirriżultaw fir-ritorn, sabiex jiġu pprevenuti riskji ta' ksur*** tad-drittijiet fundamentali ***jew ritorn għal sitwazzjonijiet ta' riskju għall-ħajja***.

Or. en

Emenda 428
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u ***l-effett sospensiv*** jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.	(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 429
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Billi, sabiex jiġu żgurati l-ħeffa u l-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn u biex jiġi pprevenut li l-proċeduri ta' ritorn jiddewmu bla bżonn minħabba kontestazzjonijiet legali suċċessivi jew bla bażi kontra miżuri anċillari, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jissimplifikaw ir-rimedji legali disponibbli. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom li miżuri speċifiċi imposti biss bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni ma jkunux appellabbli separatament.

Or. en

Emenda 430
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu jistgħu jissospendu l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn f'każijiet individwali meta l-prinċipju ta' non-refoulement ikun qiegħed f'riskju u għal raġunijiet oħra, jew fuq talba taċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat jew billi jaġixxu ex officio.

Or. en

Emenda 431
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) L-assistenza legali jenħtieġ li tkun disponibbli, mingħajr ħlas. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali jenħtieġ li tistabbilixxi l-modalitajiet sabiex ikun hemm aċċess għal assistenza legali mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 432
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni	***imħassar***

tar-riskju ta' ħarba. Jenħtieġ li r-regoli komuni jissimplifikaw il-valutazzjoni ta' dan ir-riskju f'każijiet individwali u jfittxu li jżidu l-użu ta' alternattivi effiċjenti għad-detenzjoni fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.

Or. en

Emenda 433
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa ***għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni*** tar-riskju ta' ħarba. Jenħtieġ li r-regoli komuni jissimplifikaw ***il-valutazzjoni ta' dan ir-riskju f'każijiet individwali u jfittxu li jżidu l-użu ta' alternattivi effiċjenti*** għad-detenzjoni fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.	(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa ***biex jiżguraw ritorn rapidu u effettiv, inklużi miżuri bħala konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità u inċentivi għall-konformità mal-obbligi ta' tluq u kooperazzjoni, kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni*** tar-riskju ta' ħarba. Jenħtieġ li r-regoli komuni***, mingħajr ma jirrestringu d-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri u kriterji addizzjonali fid-dritt nazzjonali,*** jissimplifikaw ***ir-rekwiżiti skont l-obbligu ta' kooperazzjoni u l-kriterji għad-determinazzjoni tar-riskju ta' ħarba. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jiżguraw ukoll li d-detenzjoni u l-alternattivi*** għad-detenzjoni ***jiġu applikati*** fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.

Or. en

Emenda 434
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni ***tar-riskju*** ta' ħarba. Jenħtieġ li r-regoli komuni jissimplifikaw il-valutazzjoni ***ta' dan ir-riskju*** f'każijiet individwali u ***jfittxu*** li jżidu l-użu ta' alternattivi effiċjenti għad-detenzjoni fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.	(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' ***ħarba***. Ħarba ***tinkludi azzjonijiet bħat-tluq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti, għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.*** Jenħtieġ li r-regoli komuni jissimplifikaw il-valutazzjoni ***tar-riskju ta' ħarba*** f'każijiet individwali u li jżidu l-użu ta' alternattivi effiċjenti għad-detenzjoni fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-eżempju ta' ħarba għandu jkun fil-premessi aktar milli f'definizzjoni.

Emenda 435
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***Jenħtieġ li jkun possibbli li*** d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, ***jew*** meta jippreżentaw ***riskju*** għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni***, jew id-detenzjoni tkun***	(32) ***Skont id-dritt internazzjonali u Ewropew, inklużi l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-detenzjoni għal finijiet relatati mal-immigrazzjoni trid tiġi imposta biss bħala miżura tal-aħħar istanza wara kunsiderazzjoni ta' alternattivi inqas koerċittivi, abbażi ta' valutazzjoni dettaljata u individwalizzata tal-ħtieġa ta' detenzjoni, u trid tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju indipendenti, fil-pront u regolari. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu biss jimponu*** d-detenzjoni

meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***l-24 xahar***. ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar*** interessi ***tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja***. ***Jenħtieġ li jintużaw*** miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment***.

tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, meta jippreżentaw ***theddida*** għas-sigurtà ***interna***, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***is-6 xhur***. ***It-tfal ma għandhomx jinżammu f'detenzjoni għal raġunijiet relatati mal-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom jew tal-ġenituri tagħhom. Id-detenzjoni qatt ma tkun fl-aħjar*** interessi ***tagħhom u trid tiġi evitata fis-sitwazzjonijiet kollha, inklużi sitwazzjonijiet ta' emerġenza***. Miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni ***jridu jiġu vvalutati qabel ma tiġi ordnata detenzjoni, u jenħtieġ li jintużaw*** meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***b'mod irregolari***.

Or. en

Emenda 436
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa***, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe***	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn ***u tat-tneħħija***. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta

sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini ***biss*** tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, ***jew*** ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew ***id-detenzjoni*** tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.***

meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew ***meta d-detenzjoni*** tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità.

Or. en

Emenda 437
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma

jikkonformawx ma’ alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista’ jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta’ minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta’ inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b’mod effettiv ***għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***.

jikkonformawx ma’ alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista’ jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. ***Id-detenzjoni jenħtieġ li tiġi riżaminata f’intervalli regolari biex jiġi vverifikat li r-raġunijiet għadhom jeżistu u li l-ebda miżura inqas koerċittiva ma tista’ tilħaq l-objettivi tat-tħejjija tar-ritorn. Qabel ma d-detenzjoni tiġi ordnata jew imtawla, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw b’mod ċar ir-raġunijiet għaliex miżuri alternattivi ma jistgħux jiżguraw ritorn effettiv.*** Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta’ minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta’ inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b’mod effettiv.

Or. en

Emenda 438
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta’ kull każ, ***inkluża l-kunsiderazzjoni*** ta’ kwalunkwe sitwazzjoni ta’ vulnerabbiltà***, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn***. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista’ tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta’ pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta’ kull każ, ***b’mod partikolari għall-kunsiderazzjoni*** ta’ kwalunkwe sitwazzjoni ta’ vulnerabbiltà. ***Għall-persuni vulnerabbli u l-familji b’minorenni, jenħtieġ li jkunu disponibbli alternattivi għad-detenzjoni peress li d-detenzjoni ta’ kwalunkwe persuna bħal din hija ta’ detriment għas-***

jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

saħħa fiżika u mentali tagħhom. F'każijiet bħal dawn, il-persuni vulnerabbli jenħtieġ li jkollhom aċċess għal faċilitajiet speċjalizzati biex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 439
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li ***jkun*** possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta ***meta tkun proporzjonata u meħtieġa***, wara valutazzjoni individwali ***ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta'***	(32) Jenħtieġ li ***ma jkunx*** possibbli li tiġi imposta detenzjoni ***fuq ċittadin ta' pajjiż terz unikament abbażi tas-soġġorn irregolari tiegħu. Jekk Stat Membru xorta waħda jiddeċiedi li juża d-detenzjoni fil-kuntest tar-ritorn, id-detenzjoni jenħtieġ li tintuża biss fil-kuntest tar-ritorn bħala miżura tal-aħħar istanza,*** wara valutazzjoni ***dettaljata u*** individwali ***u trid***

pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma ***tistax taqbeż l-24 xahar***. ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni,*** jenħtieġ li ***l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***.

tikkonforma mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi mfittxija. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ***jenħtieġ li*** ma ***taqbiżx l-4 ġimgħat***. Jenħtieġ li ***tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju indipendenti, fil-pront u regolari***.

Or. en

Emenda 440
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta ***meta*** tkun proporzjonata ***u meħtieġa***, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, ***id-detenzjoni tista' tiġi imposta*** meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jxekklu jew jevitaw ir-ritorn***, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni***, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità***.	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta***, bħala miżura tal-aħħar istanza, meta din*** tkun ***meħtieġa u*** proporzjonata, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, ***u*** għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jimponu detenzjoni*** meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jostakolaw deliberatament il-proċedura ta' ritorn***, jew meta jippreżentaw riskju ***ta' theddida*** għas-sigurtà ***interna***, jew ***f'każ li ripetutament*** ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-

Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***l-24*** xahar. ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja.*** Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni ***meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***.

detenzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***it-12-il*** xahar. ***Kull fejn ikun possibbli***, jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 29.

Emenda 441
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa***, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà***, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn***. Għal dan l-għan, id-detenzjoni ***tista'*** tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm	(32) ***Id-detenzjoni tintuża meta aktarx tiffavorixxi l-effettività tar-ritorn***, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ***eċċezzjonali***. Għal dan l-għan, id-detenzjoni ***jenħtieġ li*** tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ***jenħtieġ li ma taqbiżx is-36***

jista' jkun u ***ma tistax taqbeż l-24 xahar***. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ***ikunu kunsiderazzjoni primarja***. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

xahar għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jippreżentaw l-ebda riskju. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li ***jiġu kkunsidrati*** l-aħjar interessi tat-tfal. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ***u ma jxekklux il-proċedura ta' ritorn***.

Or. fr

Emenda 442
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ***, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà,*** għall-fini ***biss*** tat-tħejjija tar-ritorn. ***Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw*** ir-ritorn***, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ***ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni,*** jenħtieġ li ***l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja***. ***Jenħtieġ li*** jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ għall-fini tat-tħejjija ***jew tat-twettiq*** tar-ritorn. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ***ġeneralment jenħtieġ li ma taqbiżx it-48 xahar fi Stat Membru partikolari. F'każijiet ta' ħrib lejn Stat Membru ieħor, il-perjodi preċedenti ta' detenzjoni ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat il-perjodu massimu ta' detenzjoni. Jenħtieġ li l-perjodi ta' detenzjoni skont regolamenti jew direttivi oħra ma jiġux inklużi fil-kalkolu tal-perjodu massimu ta' detenzjoni.*** Jenħtieġ li ***matul id-detenzjoni jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċjali li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà***. ***Jistgħu*** jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li

koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 443
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ***, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà,*** għall-fini ***biss*** tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun ***u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja***. ***Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.***	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ għall-fini tat-tħejjija ***jew tat-twettiq*** tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta***, għal perjodu f'konformità mad-dritt nazzjonali,*** meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun***. Il-perjodi ta' detenzjoni skont regolamenti jew direttivi oħra jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-kalkolu tal-perjodu ta' detenzjoni.***

Or. en

Emenda 444
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri li jagħżlu li jimplimentaw politika ta' ritorn jikkonformaw mas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali, din id-Direttiva jenħtieġ li tobbliga lil dawn l-Istati Membri jipprovdu alternattivi għad-detenzjoni u jistabbilixxu raġunijiet eżawrjenti u bbażati fuq id-drittijiet għad-detenzjoni eċċezzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz bħala parti minn proċedura ta' ritorn u jeskludu b'mod sistematiku d-detenzjoni fi spazji magħluqa. Jenħtieġ li d-detenzjoni qatt ma tiġi imposta fuq il-persuni vulnerabbli. Peress li d-detenzjoni għandha impatt fiżiku u psikoloġiku partikolarment ħażin fuq it-tfal, kemm jekk mhux akkumpanjati jew mifrudin kif ukoll jekk ikunu mal-familji tagħhom, dawn jenħtieġ li ma jkunux detenuti u jenħtieġ li lanqas ikunu detenuti l-ġenituri u l-indokraturi primarji tas-soltu tagħhom li jakkumpanjaw lit-tfal. Id-detenzjoni qatt ma tkun fl-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 445
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Meta d-detenzjoni tkun inżammet

	għal perjodu ta' 48 xahar, jenħtieġ li l-Istat Membru jkollu l-possibbiltà li jżomm liċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'detenzjoni għal perjodi ġodda li ma jaqbżux it-12-il xahar, meta jkun hemm riskju ta' ħarba u meta jkun tfaċċa prospett raġonevoli ta' tneħħija minħabba informazzjoni sinifikanti ġdida f'ċerti ċirkostanzi. Id-detenzjoni jenħtieġ li tinżamm għall-perjodu ta' żmien meħtieġ.

Or. en

Emenda 446
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 447
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-	***imħassar***

protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Or. en

Emenda 448
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.	(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal ***minn 24 xahar***, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Or. en

Emenda 449
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal	(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal

perjodu itwal***, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità***.	perjodu itwal ***filwaqt li d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn jenħtieġ li jingħataw prijorità u jiġu protetti***.

Or. en

Emenda 450
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk ***jenħtieġ li jkun*** possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.	(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk ***irid ikun*** possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Or. fr

Emenda 451
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni	***imħassar***

jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

Or. en

Emenda 452
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji ***jekk dan ikun possibbli***. ***Iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u kundizzjonijiet xierqa oħra, inkluż il-ħruġ minn qabel ta' approvazzjoni tas-sigurtà xierqa maħruġa minn awtorità kompetenti f'konformità mad-dritt nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti għal dan l-aċċess bis-saħħa tad-dritt nazzjonali fejn dawn il-limiti huma oġġettivament meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-faċilità.***

Or. en

Emenda 453
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. ***Dan jinkludi l-iżgurar tal-kapaċità tagħhom li jżommu kuntatt ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja, awtoritajiet kompetenti u konsulari. Madankollu, jista' jkun meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dawn iż-żjarat soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, bħal awtorizzazzjoni minn qabel, jew li jimponu limiti proporzjonati.*** Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola ***ġenerali***, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

Or. en

Emenda 454
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi

terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni ***jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra***. ***L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.***	terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni.

Or. en

Emenda 455
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni***, bħala regola, issir*** f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. ***L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.***	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni ***ssir biss*** f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra.

Or. en

Emenda 456
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali***, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti***. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

Or. fr

Emenda 457
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ***ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta'	(34) Jenħtieġ li ***l-persuni ripatrijati*** li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta'

faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji ***u li takkomodahom f'kundizzjonijiet xierqa għall-istatus u l-ħtiġijiet tagħhom***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi tal-Artikolu 34(1).

Emenda 458
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. ***Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir*** f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra***.*** L-akkomodazzjoni fil-ħabs ***tista' tintuża*** meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ***ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji***.	(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. ***Id-detenzjoni tista' ssir*** f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra ***jew*** l-akkomodazzjoni fil-ħabs meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jistgħu jitqiegħdu taħt arranġamenti ta' sigurtà msaħħa fil-faċilitajiet ta' detenzjoni.***

Or. en

Emenda 459
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u mhux relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 460
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) ***Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u mhux relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz.	(35) ***Id-detenzjoni ta' ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jenħtieġ li tkun permessa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn tkun meħtieġa u proporzjonata, u strettament limitata għal każijiet li fihom ikun hemm riskju ta' ħarba ta' individwu li joħloq theddida għas-sigurtà konkreta, imminenti, ibbażata fuq l-evidenza u serja. Determinazzjoni bħal din jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, bl-użu ta' kriterji oġġettivi stabbiliti fid-dritt nazzjonali, u qatt ma tiġi preżunta biss abbażi ta' mġiba fil-passat.***

Or. en

Emenda 461
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali ***u mhux relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.	(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 462
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali ***u mhux relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.	(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 463
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni	(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni

stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni***, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni*** fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u mhux relatati ***mas-soġġorn illegali*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u mhux relatati ***mal-preżenza irregolari fit-territorju ta' Stat Membru*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-lingwaġġ tal-emendi fit-test kollu.

Emenda 464
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u ***mhux*** relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u relatati ***jew le*** mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. fr

Emenda 465
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta'	***imħassar***

sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda artikolu korrispondenti fil-parti operattiva tat-test. Din il-premessa tinqara bħala messaġġ lil pajjiżi terzi. Dan ma jistax ikun l-għan ta' regolament intern tad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 466
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sostitwita sabiex tallinja mal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni għar-Ritorn

Emenda 467
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju***. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent*** tagħhom ***ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni***.	(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju ***u kif previst mill-Konvenzjoni tal-ICAO, l-Anness IX, il-Kapitolu 5 u stabbilit fil-Ftehim ta' Samoa. Ritorni effettivi huma possibbli biss jekk l-Istati jikkonformaw mal-obbligu li jirriammettu ċ-ċittadini*** tagħhom ***stess. Għaldaqstant, l-Istati Membri jiddependu mill-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jimplimentaw ritorni effettivi***. ***L-istrumenti eżistenti bħall-Artikolu 25a tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 u l-appoġġ tal-Frontex jintużaw mill-UE u mill-Istati Membri biex itejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fejn meħtieġ.***

Or. en

Emenda 468
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.	(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni. ***Għalhekk, kull Stat li jikser dan l-obbligu ta' riammissjoni jista' jiġi espost għal miżuri ta' ritorsjoni min-naħa tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha.***
	Or. fr

Emenda 469
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) ***L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali.*** Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa ***meqjus bħala*** prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija ***tkompli tintwera*** mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-	(36) Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju ***u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem***. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija ***riflessa*** mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali.

kooperazzjoni internazzjonali ***fil-ġestjoni tal-migrazzjoni***.

Or. en

Emenda 470
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) ***L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali.*** Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. ***L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent*** tagħhom ***ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni***.	(36) Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. ***Madankollu, il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandhiex issir kundizzjoni għall-appoġġ tal-UE pprovdut taħt oqsma oħra ta' politika esterna, inkluża l-politika barranija, tal-viża, tal-iżvilupp jew tal-kummerċ, u lanqas ma għandha tinvolvi l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-gvernijiet ta' pajjiżi terzi biex jaċċettaw persuni li mhumiex ċittadini proprji*** tagħhom***.***

Or. en

Emenda 471
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn	***imħassar***

infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 472
Mary Khan

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.	(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar. ***Meta l-kooperazzjoni minn pajjiżi terzi ma tkunx adegwata, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri xierqa.***

Or. en

Emenda 473
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli ***jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament ***mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni*** ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.	(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli ***bħalissa jikkontribwixxi għar-rata baxxa ta' ritorn***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament ***mill-preżentazzjoni*** ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 474
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ ***sistematiku u kkoordinat*** għar-riammissjoni ***fost l-Istati*** Membri ***huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti ***sistematikament*** mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb	(37) Approċċ ***aktar ikkoordinat*** għar-riammissjoni ***mill-Istati*** Membri ***jista' jiffaċilita r-ritorn*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. ***Meta ritorn aċċettat ma jkunx possibbli,*** jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ

dokument tal-ivvjaġġar.	li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi mressqa għall-Artikolu 36.

Emenda 475
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ ***sistematiku u kkoordinat*** għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.	(37) Approċċ ***ikkoordinat*** għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża ***meta applikabbli,*** il-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 476
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) ***Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta'***	(38) It-trasparenza dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-

pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza ***u l-koordinazzjoni*** dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati ***biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.***

negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati***.***

Or. en

Emenda 477
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.	(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. ***F'din il-perspettiva, miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni, bħall-miżuri koordinati ta' ritorsjoni diplomatika, restrizzjonijiet dwar il-viża jew sanzjonijiet ekonomiċi, ikunu aktar effettivi minn inizjattivi iżolati mill-Istati Membri, peress li ċittadin li jiġi miċħud minn Stat xorta waħda jista' jikseb viża fi Stat Membru ieħor u b'hekk jibbenefika mill-moviment liberu fiż-żona***

Schengen. Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.

Or. fr

Emenda 478
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. ***Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.***	(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 479
Murielle Laurent
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. ***Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.***	(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mat-tħassir tal-Artikolu 37.

Emenda 480
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) ***Proċeduri effettivi ta' ritorn iserrħu fuq kooperazzjoni amministrattiva u kondiviżjoni ta' informazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri.*** Jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni inkluża l-kondiviżjoni ta' data dwar l-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom u informazzjoni rilevanti oħra jkun ibbażat fuq regoli ċari, inklużi dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] . Jenħtieġ li dawn ir-regoli jirrispettaw il-prinċipji ta' protezzjoni tad-	(39) Jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni inkluża l-kondiviżjoni ta' data dwar l-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom u informazzjoni rilevanti oħra jkun ibbażat fuq regoli ċari, inklużi dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] . Jenħtieġ li dawn ir-regoli jirrispettaw il-prinċipji ta' protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-individwu kkonċernat, filwaqt li jiżguraw li din l-informazzjoni tkun preċiża u tintuża biss għall-finijiet ta'

data u d-drittijiet tal-individwu kkonċernat, filwaqt li jiżguraw li din l-informazzjoni tkun preċiża u tintuża biss għall-finijiet ta' ritorn, riammissjoni, u riintegrazzjoni, u tkun protetta kontra l-aċċess, id-divulgazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat.

[13] Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj).

ritorn, riammissjoni, u riintegrazzjoni, u tkun protetta kontra l-aċċess, id-divulgazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat.

[13] Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj).

Or. en